



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. en)

6318/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0039(COD)

ESPACE 12	MI 117
RECH 90	CSC 45
COMPET 100	CSCGNSS 1
IND 43	CFSP/PESC 172
EU-GNSS 6	CSDP/PSDC 72
TRANS 86	CODEC 168
AVIATION 31	IA 14
MAR 25	CADREFIN 16
TELECOM 59	

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 57 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 57 final.

Mehmuż: COM(2022) 57 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 15.2.2022
COM(2022) 57 final

2022/0039 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

{SEC(2022) 77 final} - {SWD(2022) 30 final} - {SWD(2022) 31 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tiġi stabbilita sistema ta' komunikazzjoni bis-satellita sigura tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem il-“Programm”) li tiżgura l-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita dinjija li jkunu siguri, flessibbli u reżiljenti lill-Unjoni u lill-entitajiet governattivi tal-Istati Membri.

Il-komunikazzjonijiet bis-satellita jipprovdu kopertura ma' kullimkien, li hija komplementari għan-networks terrestri (ibbażati fuq l-art f'għamla ta' konnessjonijiet tal-kejbil bħall-broadband tal-fibra jew mingħajr fili). Il-komunikazzjonijiet bis-satellita jistgħu jipprovdu l-mezzi għal komunikazzjoni diġitali mingħajr xkiel f'żoni fejn ma jkunx hemm networks terrestri (eż. fl-oċeani, matul titjiriet, jew f'postijiet remoti / gżejjer mingħajr kopertura ċellulari jew tal-broadband), fejn dawn ikunu ġew meqruda (eż. matul avvenimenti ta' għargħar, jew nirien fil-foresti), jew fejn in-networks lokali ma jistgħux jiġu fdati (f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jew għal servizzi diplomatiċi f'pajjiżi terzi jew għal operazzjonijiet governattivi sensitivi).

Govsatcom huwa assi strateġiku, marbut mill-qrib mas-sigurtà nazzjonali, użat mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-utenti pubbliċi għandhom it-tendenza li jiffavorixxu soluzzjonijiet li huma proprjetà tal-gvern¹ jew daww li huma pubbliċi-privati², jew li jagħmlu użu minn fornituri privati akkreditati speċifiċi. Il-każijiet ta' użu jinkludu l-operazzjonijiet ta' sorveljanza, il-ġestjoni ta' kriżijiet, inkluż l-operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u daww umanitarji f'diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, u l-konnessjoni u l-protezzjoni ta' infrastruttura ewlenija.

Minħabba l-iskala u l-komplessità tal-investimenti meħtieġa, u s-sinerġiji li tista' ġġib kapaċità komuni, Govsatcom ġiet identifikata sa mill-2013³ bħala qasam promettenti għall-inizjattivi tal-Unjoni, bil-possibbiltà li tikkontribwixxi b'mod tanġibbli għall-objettivi għal Unjoni Ewropea b'saħħitha, sigura u reżiljenti. Issa hija parti integrali mill-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa⁴, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża⁵ u l-Istrateġija Globali tal-Unjoni Ewropea. Il-kunċett ta' infrastruttura tal-Unjoni għall-komunikazzjoni governattiva bis-satellita ntlqa' tajjeb b'mod konsistenti f'konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill⁶.

L-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-Regolament dwar l-Ispazju”) kienet tikkostitwixxi l-ewwel pass lejn dan l-objettiv ta' reżiljenza, permezz tal-istabbiliment ta' komponent iddedikat ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-għan tiegħu huwa li jottimizza l-użu tal-kapaċità eżistenti ta' komunikazzjoni bis-satellita għall-utenti governattivi abbażi tal-akkomunament u tal-kondiviżjoni tar-riżorsi ta' komunikazzjoni bis-satellita tal-UE nazzjonali u privati

¹ Is-sidien tas-SATCOM Governattiva jinkludu Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, Spanja.

² Bħas-Satcom BW tal-Ġermanja jew il-GovSat tal-Lussemburgu.

³ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19/20 ta' Diċembru 2013](#)

⁴ Strateġija Spazjali għall-Ewropa COM(2016) 705 final.

⁵ Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża COM(2016) 950 final.

⁶ [Diċembru 2013 EUCO](#), [Diċembru 2014 COMPET Space](#), [Mejju 2015 FAC Defence](#)

disponibbli. Minħabba t-tul ta' ħajja limitat ta' satellita (madwar 15-il sena għas-satelliti f'orbita ġeostazzjonarja (GEO)), bosta infrastrutturi tal-gvern li se jikkostitwixxu parti mill-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' GOVSATCOM se jkollhom bżonn jiġu rifornuti fid-deċennju li ġej⁷. Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (UE) 2021/696 ippreveda l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita. Skont ir-Regolament, jekk din il-valutazzjoni "tiżvela li dan l-approċċ ma jkunx biżżejjed biex ikopri d-domanda li tkun qed tevolvi, jenħtieġ li jkun possibbli li tittieħed deċiżjoni li nimxu għat-tieni fażi u jiġu żviluppati infrastrutturi jew kapaċitajiet spazjali addizzjonali apposta permezz ta' sħubija pubblika-privata waħda jew aktar, eż. mal-operaturi satellitari tal-Unjoni."

Bosta studji⁸ ssostanzjaw din l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet: Tradizzjonalment, il-komunikazzjoni bis-satellita ntużat għall-komunikazzjoni bil-vuċi u għat-trasferiment tad-*data* f'żoni remoti (eż. fuq il-baħar), iżda n-natura tal-każijiet ta' użu qed tevolvi b'mod rapidu, u teħtieġ prestazzjoni baxxa ta' latenza⁹ u kopertura globali. Filwaqt li l-komunikazzjoni bis-satellita kienet qed tibbaża primarjament fuq inġenji spazjali ġeosinkroniċi (GEO), il-progress tekniku ppermetta li jitfaċċaw kostellazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet ta' orbita mhux ġeostazzjonarja (NGSO), li jinkludu satelliti b'orbita dinjija baxxa (LEO) u daww b'orbita dinjija medja (MEO) li joffru prestazzjoni li tissodisfa dawn il-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu.

Il-livelli dejjem jiżdiedu ta' theddid ibridu u ċibernetiku u l-propensità tad-diżastri naturali jixprunaw il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-atturi governattivi lejn sigurtà, affidabbiltà u disponibbiltà oġġla ta' soluzzjonijiet proporzjonati ta' komunikazzjoni bis-satellita. Iż-żieda tal-kompjuters kwantistiċi żżid theddida addizzjonali. Bil-kapaċitajiet imtejba b'mod fundamentali tagħhom, huwa mistenni li l-kompjuters kwantistiċi se jkunu jistgħu jiddekriptaw il-kontenut li bħalissa huwa kriptat. L-inizjattiva tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI)¹⁰ għandha l-għan li tiżviluppa sistemi kriptografiċi li jibqgħu validi fil-futur biex joffru livelli mingħajr preċedent ta' komunikazzjonijiet siguri billi jirreżistu attakki futuri tal-computing kwantistiku. Il-EuroQCI bħalissa hija ffinanzjata permezz ta' Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, kif ukoll il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali. Barra minn hekk, ir-rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-Kummissjoni¹¹ jidentifika l-iperkonnettività diġitali u t-trasformazzjoni teknoloġika bħala waħda mill-megatendenzi prevalenti tal-50 sena li ġejjin, sostnuta minn domanda bla preċedent għas-servizzi, pereżempju fl-ekonomija tad-*data* u fil-finanzi.

Dawn l-avvanzi jwasslu l-konnettività globali tal-komunikazzjoni bis-satellita biex tiġi ttrattata dejjem aktar bħala assi strateġiku. Għal dak l-għan, bħalissa għaddejnin bosta proġetti ewlenin mhux tal-UE appoġġati mill-gvern b'varjetà ta' oġġettivi strateġiċi tal-konnettività¹². Dawn l-infrastrutturi strateġiċi mibdija mis-setgħat spazjali ewlenin kollha jenfasizzaw il-ħtieġa globali li dejjem qed tikber għal servizzi governattivi biex jiżguraw konnettività

⁷ [PwC \(2016\) "Satellite Communication to support EU Security Policies and Infrastructures"](#).

⁸ B'mod partikolari, il-pjan direzzjonali Ewropew tan-networking għat-telekomunikazzjoni bis-satellita għall-utenti governattivi li jeħtieġu servizzi siguri, interoperabbli, innovattivi u standardizzati ([ENTRUSTED](#)), proġett ta' riċerka ffinanzjat taħt il-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-Orizzont 2020 tal-UE kif ukoll l-istudju dwar l-Elementi Kostitwenti Lejn Sistema ta' Konnettività Spazjali Sigura (DEFIS/2020/OP/008)

⁹ Latenza: l-ammont ta' dewmien, imkejje l-f'millisekondi (ms), li jseħħ fi trażmissjoni ta' vjaġġ sħiħ ta' *data* lejn satellita.

¹⁰ [Dikjarazzjoni tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika \(EuroQCI\)](#)

¹¹ [Strategic Foresight Report 2021_en.pdf \(europa.eu\)](#).

¹² Bħat-"Transport Layer" tal-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Spazjali, kostellazzjoni ta' 300 sa aktar minn 500 satelliti f'LEO) li tvarja minn 750 km sa 1200 km f'altitudni, jew ir-Roscosmos "Sfera" tar-Russja, kostellazzjoni ta' 640 satelliti f'orbita ta' 870 km.

reżiljenti biex jiġu appoġġati mhux biss l-operazzjonijiet ta' sigurtà tagħhom, iżda wkoll biex jiġu konnessi infrastrutturi kritiċi, jiġu ġestiti l-kriżijiet, kif ukoll biex tiġi appoġġata s-sorveljanza tal-fruntieri u dik marittima.

Sal-lum, ma hemm l-ebda assi tal-UE operazzjonali jew li qed jiġi żviluppat, f'orbita dinjija baxxa (LEO) jew f'orbita dinjija medja (MEO) li jista' jissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti governattivi. Il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita impenjati eżistenti li jipprovdu servizzi governattivi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha huma bbażati fuq għadd imnaqqas ta' assi ta' GEO, li jkopru prinċipalment l-Ewropa. Il-maġġoranza tal-kapaċità hija ddedikata għal missjonijiet militari, b'kontroll qawwi tal-governanza (minn infrastruttura tal-proprjetà għal sħubijiet pubbliċi privati stretti). Barra minn hekk, peress li s-servizzi pprovduti minn dawn il-kapaċitajiet ta' Milsatcom huma mfassla biex jissodisfaw ħtiġijiet speċifiċi ta' maturità, b'mod partikolari f'termini ta' frekwenza, kriptaġġ, speċifiċitajiet tas-sinjali, terminal tal-utenti u livell ta' klassifikazzjoni, dawn ma jistgħux jintużaw fil-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet governattivi ċivili.

Kien hemm feġġa ta' diversi kostellazzjonijiet kbar mhux tal-UE appoġġati jew sussidjati mill-pubbliku fl-Istati Uniti, fiċ-Ċina u fir-Russja, li kienu xprunati mill-progress teknoloġiku ta' latenza baxxa. Fl-istess ħin, hemm nuqqas ta' filings tal-frekwenza u ta' slots orbitali disponibbli minħabba ż-żieda drammatika ta' dawn il-kostellazzjonijiet kbar. Flimkien mal-ħajja limitata tal-kapaċità ta' GOVSATCOM, dan johlq urġenza għal sistema ta' konnettività sigura tal-UE bbażata fl-ispazju. Il-Programm ikopri n-nuqqasijiet fil-kapaċità u fl-abbiltà għas-servizzi ta' komunikazzjoni governattiva bis-satellita.

Jenħtieġ li l-Programm jippermetti wkoll il-forniment ta' servizzi kummerċjali ta' komunikazzjoni bis-satellita mis-settur privat. Tali servizzi kummerċjali b'mod partikolari jippermettu d-disponibbiltà ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel madwar l-Ewropa, ineħħu żoni mingħajr konnessjoni u jżidu l-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, inklużi żoni u gżejjer rurali, periferali, remoti u iżolati, u jipprovdu konnettività fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni.

Fil-valutazzjoni tal-impatt sħubija pubblika-privata ġiet ivvalutata bħala l-aktar mudell ta' implimentazzjoni xieraq biex jiġi żgurat li l-oġettivi tal-Programm ikunu jistgħu jiġu segwiti. Din tippermetti li l-bażi teknoloġika u infrastrutturali eżistenti tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-UE tkompli tiġi żviluppata u tipprovdi servizzi governattivi robusti u innovattivi. Fl-istess ħin, din tippermetti lis-sħab privati jikkomplementaw l-infrastruttura tal-Programm b'kapaċitajiet addizzjonali biex joffru servizzi kummerċjali. Barra minn hekk, hija tttimizza l-kostijiet tal-implimentazzjoni u tal-operat billi tikkondividi l-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni fuq komponenti komuni kemm għall-infrastrutturi governattivi kif ukoll għal daww kummerċjali, kif ukoll għall-kostijiet operazzjonali billi tippermetti livell għoli ta' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità. Hija tistimula l-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji u għan-negozji ġodda li jimplimentaw teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali ġodda ("Spazju Ġdid") billi tippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tar-riċerka u tal-iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u privati.

B'mod parallel ma' dan il-programm:

- il-Programm Orizzont Ewropa, se jalloka sehem dedikat mill-komponenti tiegħu tal-Raggruppament 4 għall-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni li jippermettu l-kondiviżjoni tar-riskji tar-riċerka u l-iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u privati, inkluż għat-teknoloġiji potenzjali li jiġu żviluppati taħt Spazju Ġdid;

- l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) se jalloka sehem dedikat tal-attivitajiet ta' Ewropa Globali u dan jippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tal-implimentazzjoni u tal-użu bejn is-sħab pubbliċi u privati għas-sistema ta' konnettività li se tippermetti li jiġu offruti firxa ta' servizzi b'benefiċċji dovuti għal sħab internazzjonali;
- il-Programm Spazjali tal-Unjoni se jalloka sehem dedikat tal-komponent GOVSATCOM tiegħu għall-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-GOVSATCOM Hub li se jiffurma parti mill-infrastruttura tal-art tas-sistema ta' Konnettività Sigura.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Programm propost huwa konsistenti mal-politika spazjali eżistenti tal-UE. B'mod partikolari, il-programm itejjeb il-kapaċità spazjali tal-UE, li bħalissa tikkonsisti mis-sistema tal-UE ta' navigazzjoni bis-satellita, Galileo, u mis-sistema tal-UE ta' osservazzjoni tad-dinja, Copernicus, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju. Il-Programm jibni fuq il-komponent GOVSATCOM tal-UE tal-programm spazjali tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' għadd ta' politiki oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-forniment ta' servizzi governattivi jiżgura koeżjoni ulterjuri f'konformità mal-Istrateġija Diġitali u taċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni, billi jiżgura l-integrità u r-reżiljenza tal-infrastruttura, tan-networks u tal-komunikazzjonijiet Ewropej. Il-Programm ikun operat mill-UE u jipprovdi livell għoli ħafna ta' sigurtà, u b'hekk isaħħaħ il-kapaċità li jiġi pprovdut rispons integrat tal-UE għat-theddid għas-sigurtà kif mitlub fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE u fl-istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Is-servizzi jgħaqqdu oqsma strateġiċi bħall-Artiku u l-Afrika, f'konformità mal-miri ta' politika f'dawn ir-reġjuni u mal-istrateġija Global Gateway.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 189(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li huwa l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri tal-Unjoni relatati mal-Politika Ewropea dwar l-Ispazju.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Minħabba l-iskala globali u n-natura tal-konnettività, il-kwistjoni ma tistax tiġi indirizzata la fil-livell lokali u lanqas f'dak reġjonali.

Il-Programm jikkomplementa l-arranġamenti eżistenti ta' GOVSATCOM tal-UE dwar l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċità eżistenti tal-komunikazzjoni governattiva bis-satellita. Madankollu, l-ebda Stat Membru tal-UE waħdu ma għandu l-kapaċità li jissodisfa t-totalità tal-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu u l-kostijiet li jakkumpanjawhom.

Soluzzjoni tal-UE tipprovdi valur miżjud minħabba li l-azzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi madwar l-Unjoni u l-Istati Membri. Din twassal għal sfruttament aħjar tal-assi eżistenti, għal sigurtà u reżiljenza akbar, b'mod partikolari

permezz tal-kriptografija kwantistika, għal kopertura aħjar, u għall-provvista ta' firxa akbar ta' servizzi. Politiki tematiċi oħra tal-UE u tal-Istati Membri jibbenefikaw ukoll.

L-azzjoni fil-livell tal-UE għandha l-benefiċċju tal-ekonomiji ta' skala. Il-ħtiġijiet individwali tal-utenti madwar l-Istati Membri huma ġeneralment eteroġeni u spiss imprevedibbli f'termini ta' ambitu, kapaċità, twaqqit u post. Denominatur komuni tal-każijiet kollha ta' użu huwa l-ħtieġa ta' flessibilità minħabba l-ħtieġa li spiss ma tkunx tista' tiġi prevista u li tvarja għall-kapaċità ta' komunikazzjoni bis-satellita. L-akkwist ta' tali flessibilità tal-aċċess għall-kapaċità jeħtieġ investimenti kbar.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tintroduċi l-ebda miżura lil hinn minn dawk meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ewlenin ta' dan il-Programm. B'mod partikolari, il-proposta tiddefinixxi r-rekwiżiti minimi għall-istabbiliment ta' sistema Ewropea ta' konnettività sigura u għall-forniment ta' servizzi xierqa ta' komunikazzjoni governattivi bis-satellita. F'dan ir-rigward, il-kapaċità tas-sistema se tkun imfassla biex tikkomplementa, *inter alia*, il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita eżistenti tal-Istati Membri u tkopri l-ħtiġijiet ta' kapaċità addizzjonali ppjanati. Il-proposta ma tintroduċi l-ebda restrizzjoni għall-kapaċità li l-atturi governattivi tal-Istati Membri jagħżlu dawk il-kapaċitajiet li jiddeċiedu li jużaw.

Il-proposta hija mistennija li jkollha effett konsegwenzjali pożittiv fuq is-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż l-Ispazju Ġdid. Barra minn hekk, iċ-ċittadini se jibbenefikaw minn prestazzjoni operazzjonali mtejbja fil-protezzjoni ċivili.

Fl-aħħar nett, il-baġit allokat għall-Programm huwa adattat biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Il-fondi meħtieġa biex il-Programm jitwettaq ġew stabbiliti abbażi ta' bosta analiżijiet u stimi bir-reqqa mwettqa bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt u li huma deskritti hawn taħt.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-istrument ippreferut. Huwa jiżgura l-uniformità u l-applikazzjoni diretta, meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-Programm, filwaqt li jagħtih viżibbiltà xierqa u jipprovdi bir-riżorsi finanzjarji li jeħtieġ għall-implimentazzjoni tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Dan il-Programm huwa appoġġat minn inputs minn laqgħat tal-gruppi ta' esperti, konsultazzjonijiet pubbliċi u workshops li ġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (l-Istati Membri u l-industrija), b'mod aktar preċiż:

- Mill-2016 'il hawn, saru għadd ta' laqgħat ta' gruppi ta' esperti mal-Istati Membri fil-kuntest tal-inizjattiva GOVSATCOM tal-UE, li ddiskutew il-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni governattiva bis-satellita, l-istabbiliment ta' akkomunament u kondiviżjoni, aspetti ta' implimentazzjoni u żviluppi lejn il-Programm attwali.

- Fl-2021, saru għadd ta' laqgħat bilaterali mal-Istati Membri biex jinġabru l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom għall-komunikazzjoni governattiva bis-satellita u t-tħassib potenzjali relatat mal-Programm. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ddikjaraw li jappoġġaw b'mod ċar il-Programm u l-oġettivi ġenerali tiegħu.
- F'Mejju u f'Novembru 2021, il-Kummissjoni organizzat żewġ workshops mal-Istati Membri dwar "Secure Connectivity - State of Play". Matul dawn il-workshops, ġie ppreżentat progress fl-istudju tekniku dwar konnettività sigura, flimkien ma' mudelli possibbli ta' sfruttament tas-sistema. Il-workshops ippermettew interventi, mistoqsijiet u kummenti attivi mill-Istati Membri li tqiesu fl-iżvilupp ta' din il-proposta.
- F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni organizzat is-"Secure Connectivity Workshop for the European New Space Ecosystem". Ġew diskussi ideat innovattivi għall-Programm ta' Konnettività Sigura u r-rwol potenzjali ta' Spazju Ġdid minn 458 parteċipant (inklużi 196 SME u negozji ġodda).
- Bħala parti mill-feedback pubbliku għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, il-Kummissjoni rċeviet feedback minn 13-il parti kkonċernata, li jirrappreżentaw il-fehmiet ta' grupp ta' territorji tal-UE b'popolazzjoni baxxa (1), kumpaniji privati (8), assoċjazzjonijiet tan-negozju (2), organizzazzjoni mhux governattiva (1), u ċittadin privat (1). L-industrija appoġġat il-Programm, u l-maġġoranza ffavoriet approċċ ta' sħubija pubblika-privata (PPP).

Hemm qbil ġenerali fost l-Istati Membri dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni. Bosta Stati Membri enfasizzaw li l-kapaċitajiet nazzjonali waħedhom jistgħu possibbilment jissodisfaw il-ħtiġijiet fuq terminu qasir, iżda mhux se jkunu biżżejjed fit-terminu twil. Xi wħud min-nuqqasijiet (eż. fl-Artiku) diġà huma ddokumentati. Barra minn hekk, bosta Stati Membri kkonfermaw il-ħtiġijiet governattivi dejjem akbar tagħhom għall-aċċess garantit għal komunikazzjoni sigura bis-satellita.

L-Istati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għall-involvement ta' Spazju Ġdid, hekk kif in-negozji ġodda wrew li huma teknoloġikament avvanzati u ħerqana li jikkontribwixxu b'soluzzjonijiet innovattivi.

Ir-rappreżentanti tal-industrija spazjali tal-UE matul il-fażi tal-bini tal-għarfien ikkonfermaw li ma hemm l-ebda pjan li l-kumpaniji privati tal-UE waħedhom joħlqu kostellazzjoni ta' komunikazzjoni bis-satellita biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet governattivi ta' latenza baxxa li qed jevolvu u li qed jiżdiedu. Madankollu, huma laqgħu l-opportunità li jissieħbu mal-UE għall-iżvilupp ta' tali sistema.

• **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija sostnuta wkoll minn *data* miġbura u minn sejbiet mill-istudju dwar l-Elementi Kostitwenti Lejn Sistema ta' Konnettività Spazjali Sigura¹³.

Il-Kummissjoni kkuntrattat ukoll konsulent indipendenti biex jappoġġa l-analiżi tal-benefiċċji indiretti tal-Programm billi jipprovdi l-appoġġ u l-analiżi ekonometriċi rilevanti.

Fl-aħħar nett, inġabret *data* kwantitattiva u kwalitattiva li tappoġġa din il-proposta mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-industrija. Din il-proposta tibbaża wkoll fuq il-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-UE,

¹³ [DEFIS/OP/2020/008](#)

u l-inizjattiva EuroQCI, kif ukoll fuq l-attivitajiet ta' ricerca mwettqa fil-qafas tal-proġett ENTRUSTED¹⁴.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt fid-dawl tal-istabbiliment tal-Programm.

Il-problemi analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt, kif evokati wkoll hawn fuq, wasslu għall-formulazzjoni ta' tliet objettivi ta' politika speċifiċi:

- Jiġi żgurat il-forniment ta' komunikazzjoni sigura bis-satellita għall-ħtiġijiet pubbliċi li qed jevolvu;
- Tiżdied ir-reżiljenza tal-operazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-UE permezz ta' aċċess garantit għal komunikazzjoni sigura bis-satellita;
- Jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni governattiva ma jkunux jiddependu b'mod kritiku fuq l-infrastruttura mhux tal-UE.

Sabiex jitnaqqas in-nuqqas fil-kapaċità fil-forniment ta' servizzi governattivi siguri, tqiesu l-għażliet ta' politika li ġejjin sabiex jintlaħqu l-objettivi bl-aktar mod effettiv u effiċjenti:

Taħt ix-"Xenarju bażi", ma tittieħed l-ebda azzjoni tal-UE lil hinn minn dak li qed jiġi implimentat attwalment permezz ta' GOVSATCOM tal-UE. Il-linja bażi hija meqjusa li tfisser il-kontinwazzjoni tal-Fażi 1 ta' GOVSATCOM tal-UE, jiġifieri limitata għall-akkomunament u l-kondiviżjoni attwali tas-sistemi ta' komunikazzjoni bis-satellita tal-Istati Membri u dawk privati. F'xenarju bħal dan, l-Istati Membri individwali, jew il-kumpaniji tal-UE jistgħu jiddeċiedu li jiżviluppaw servizzi ġodda ta' komunikazzjoni bis-satellita, li kapaċità parzjali tagħhom tista' tinbiegħ lill-akkomunament ta' GOVSATCOM tal-UE. It-tranżizzjoni lejn il-fażi 2 ta' GOVSATCOM tal-UE fil-perjodu ta' żmien ippjanat inizjalment, fil-każijiet kollha tkun teħtieġ att leġislattiv, baġit addizzjonali u filings tal-frekwenza disponibbli.

Bħala parti mill-valutazzjoni, ġie kkunsidrat ukoll jekk l-UE setgħetx tixtri s-servizzi akkreditati siguri minn soluzzjonijiet stabbiliti mis-settur pubbliku jew dak privat, li bħalissa huma limitati għal fornituri tas-suq barranin (Għażla 3 – Kostellazzjoni mhux tal-UE). Għalkemm is-suq tas-satcom tal-UE diġà huwa żviluppat sew, bħalissa ma hemm l-ebda fornitur tal-UE li jista' jaqdi l-ħtiġijiet governattivi kollha li qed jiżdiedu u li qed jevolvu. Madankollu, ix-xiri tas-servizzi minn sorsi privati mhux tal-UE ma huwiex l-għażla ppreferuta minn perspettiva ta' sigurtà u ta' awtonomija strateġika miftuħa peress li l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġu, għall-ħtiġijiet governattivi, aċċess garantit b'mod mhux ristrett għal servizzi ta' konnettività siguri mingħajr ma jintalab il-kunsens ta' parti terza. Għalhekk, din l-għażla 3 ma tissodisfax l-objettivi speċifiċi.

B'hekk, l-UE jeħtieġ li taġixxi biex tiżgura l-forniment ta' dawn is-servizzi jew billi tiffinanzja bis-sħiħ u takkwista s-sistema tagħha stess (Għażla 1 – kompletament pubblika), jew billi tinvolvi riżorsi privati (Għażla 2 – fl-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni bi drittijiet ta' użu kummerċjali). L-Għażliet 1 u 2 jilhqgħu l-objettivi speċifiċi bl-istess mod, iżda l-Għażla 2 tikklassifika oġġett fir-rigward tal-benefiċċji ekonomiċi li tista' tiġġenera.

¹⁴ Il-pjan direzzjonali Ewropew tan-networking għat-telekomunikazzjoni bis-satellita għall-utenti governattivi li jeħtieġu servizzi siguri, interoperabbli, innovattivi u standardizzati (ENTRUSTED) [ENTRUSTED](#) huwa proġett ta' ricerca ffinanzjat taħt il-Programm ta' Ricerca u Innovazzjoni tal-Orizzont 2020 tal-UE.

Il-benefiċċji ekonomiċi komuni tal-Għażliet 1 u 2 huma relatati mal-implimentazzjoni ta' infrastruttura ġdida li tipprovdi valur miżjud gross (GVA) ta' EUR 17-24 biljun u impjiegi addizzjonali fl-industrija spazjali tal-UE. L-investimenti fl-infrastruttura upstream tal-ispazju huma stmati li jiġġeneraw impatt ta' sitt darbiet fis-setturi downstream¹⁵. L-effetti kollaterali jinħolqu mis-setturi downstream li jużaw is-servizzi, it-teknoloġiji u d-data pprovduti mis-settur spazjali biex itejbu n-negozju tagħhom. Dawn huma stmati li għandhom GVA ta' EUR 10-19-il biljun.

Il-possibbiltà addizzjonali offruta fl-għażla 2 għas-settur privat biex isir aktar investiment biex jiġu żviluppati servizzi kummerċjali għandha toħloq aktar benefiċċji ekonomiċi għas-settur downstream, peress li tista' tindirizza opportunitajiet sinifikanti tas-suq kummerċjali. Jekk is-sħab privati jagħżlu li jiżviluppaw infrastruttura addizzjonali għas-servizzi kummerċjali, dan jista' jiġġenera GVA ulterjuri u żieda addizzjonali fl-impjiegi fl-industrija spazjali tal-UE, kemm għas-setturi upstream kif ukoll għal daww downstream.

Fir-rigward ta' dak li jikkonċerna l-impatt soċjali, il-komunikazzjoni governattiva bis-satellita ssaħħa ir-reżiljenza tal-infrastruttura u tas-servizzi pubbliċi tal-UE, u b'hekk l-impronta soċjali tal-prestazzjoni operazzjonali tagħhom. Il-valur miżjud li wieħed ikun jista' jikkomunika f'każ ta' emerġenzi u diżastri huwa estremament għoli għaċ-ċittadini kif ukoll għan-nies responsabbli għal siti ta' infrastruttura kritika. Għal darb'oħra, investiment addizzjonali fl-infrastruttura kummerċjali jkompli jżid l-impatt soċjali.

Fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-Programm, l-Għażla 2, li tinvolvi l-iżvilupp ta' infrastruttura addizzjonali, ikollha impatt ambjentali mill-manifattura u t-tnedija tas-sistema. Madankollu, meta mqabbla ma' industriji oħra, il-manifattura tal-inġenji spazjali ma temettix gassijiet serra sinifikanti. Barra minn hekk, l-iżvilupp ikun konformi mal-istandards internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-ambjent spazjali (eż. il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użi Paċifiċi tal-Ispazju Extratmosferiku (COPUOS) u l-Linji Gwida għall-Mitigazzjoni tal-Iskart Spazjali tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Iskart Spazjali bejn l-Aġenziji (IADC)¹⁶), kif ukoll mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti¹⁷. Barra minn hekk, il-Programm huwa mistenni li jkollu kontribuzzjonijiet pożittivi lejn l-ambjent simili għal Galileo u Copernicus, fejn ġie vvalutat li l-benefiċċji ambjentali li jirriżultaw mill-użu tal-komponenti huma madwar darbtejn ogħla mill-impronta ambjentali ġġenerata. Il-benefiċċji ambjentali jinkludu, pereżempju, servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita għas-sorveljanza marittima li jappoġġaw is-sejbien tat-tniġġis u l-monitoraġġ ambjentali tar-rispons, u l-kapaċità li tiġi pprovduta kapaċità ta' komunikazzjoni bla xkiel kull meta l-infrastruttura tiġi mfixkla, b'mod partikolari minħabba l-għargħar, l-uragani jew fenomeni estremi oħra tat-temp li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima.

Fl-aħħar nett, l-Għażla 2 għandha vantaġġi addizzjonali billi:

- Ittejjeb il-forniment ta' servizzi governattivi (latenza baxxa, reżiljenza, sigurtà, aċċess garantit, użu awtonomu)
- Tippermetti l-forniment ta' servizzi kummerċjali addizzjonali (tkabbir ekonomiku, benefiċċji soċjali)
- Tottimizza l-kostijiet imġarrba fil-baġit tal-Unjoni:
 - għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ma' ekonomiji ta' skala

¹⁵ [IL-KUNSILL TAL-UE: L-UE fl-ispazju](#)

¹⁶ [IADC](#)

¹⁷ [Standards ta' mitigazzjoni tal-iskart spazjali adottati mill-Istati u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali](#)

- għall-operazzjonijiet b' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità
- Tistimula l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, b'mod partikolari bl-involvement ta' Spazju Ġdid (il-kondiviżjoni tar-riskju tat-teknoloġija bejn il-pubbliku u l-privat).

Fir-rigward tal-kostijiet, il-kost stmat tal-kapaċità ta' komunikazzjoni bis-satellita mfassla biex taqdi d-domanda tal-gvern huwa ta' madwar EUR 6 biljun, assoċjat mal-implimentazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi governattivi. Skont l-Għażla 2, il-kostijiet jinqasmu bejn il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni, il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, u l-kontribuzzjonijiet mis-settur privat.

L-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt tressaq lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-11 ta' Ottubru 2021. Wara l-opinjoni negattiva mill-Bord dwar l-ewwel abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, ġie sottomess abbozz rivedut tal-valutazzjoni tal-impatt lill-Bord għat-tieni opinjoni fil-21 ta' Diċembru 2021. Filwaqt li nnota t-titjib bi tweġiba għall-kummenti inizjali tiegħu, fit-12 ta' Jannar 2022 madankollu l-Bord żamm l-opinjoni negattiva tiegħu, minħabba li l-valutazzjoni tal-impatt xorta kien fiha nuqqasijiet sinifikanti dwar (1) il-koerenza analitika bejn id-definizzjoni tal-problema, l-oġettivi, l-għażliet, il-kriterji għat-tqabbil tal-għażliet u d-definizzjoni ta' indikaturi ta' monitoraġġ futuri; (2) in-nuqqas ta' spjegazzjonijiet dwar ix-xelta tal-għażliet ta' politika fir-rigward tas-soluzzjonijiet tekniċi; (3) in-nuqqas ta' skeda ta' żmien u ta' identifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament; (4) ċarezza dwar is-suppożizzjonijiet metodoloġiċi u l-validità tad-*data* sekondarja ċċitata; u (5) dwar in-nuqqas ta' spjegazzjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-Programm mal-oġettivi tal-Liġi dwar il-Klima.

Għalhekk, sabiex jiġu indirizzati l-kummenti tat-tieni opinjoni negattiva tal-Bord, il-valutazzjoni tal-impatt hija kkomplementata minn anness li jipprovdi kjarifiki addizzjonali u xi evidenza dwar l-oqsma fejn il-Bord kien ipprova suġġerimenti speċifiċi għal titjib fl-opinjoni tiegħu.

Il-metodi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea jagħtu s-setgħa lill-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva biex japprova l-kontinwazzjoni ta' inizjattiva li kienet soġġetta għat-tieni opinjoni negattiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju. Huwa importanti li jiġi indikat ukoll li l-opinjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huma valutazzjoni tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt u mhux valutazzjoni tal-proposti leġiżlattivi relatati.

Minħabba l-importanza politika ta' dan il-Programm, l-urġenza ta' azzjoni u l-fatt li l-kjarifiki u l-evidenza addizzjonali jitqiesu bħala li jindirizzaw b'mod sodisfaċenti n-nuqqasijiet identifikati u l-ispeċifikazzjonijiet issuġġeriti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, il-Kummissjoni – ukoll fid-dawl tal-ftehim mill-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva – qieset li huwa xieraq li tipproċedi bil-Programm.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

• **Drittijiet fundamentali**

Il-Programm huwa konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (il-“Karta”). Huwa jqiegħed għodda komuni fl-għamla ta' komunikazzjoni sigura bis-satellita għad-dispożizzjoni tal-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-atturi tal-UE. Fit-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-atturi tas-sigurtà, il-Programm jista' jikkontribwixxi għas-salvagwardja u t-tisħiħ tad-dritt taċ-

ċittadini għas-sigurtà (l-Artikolu 6 tal-Karta) u għall-protezzjoni diplomatika jew konsulari meta ċ-ċittadini jirrisjedu fi stat terz (l-Artikolu 46 tal-Karta). Il-Programm jista' jwassal ukoll għal protezzjoni aħjar tad-*data* personali (l-Artikolu 8 tal-Karta), minħabba li s-sigurtà msaħħa tal-komunikazzjoni bis-satellita se ttejjeb il-livell ta' assigurazzjoni tal-informazzjoni kontra, b'mod partikolari l-ispjunaġġ jew l-ispoofing, minn partijiet terzi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni mill-2021 sal-2027 hija ta' EUR 2 400 miljun fi prezzijiet attwali, li minnhom, EUR 1 600 miljun se jiġu implimentati taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni għal Konnettività Sigura mill-2023 sal-2027, u EUR 800 miljun taħt tliet Programmi oħra: EUR 430 miljun taħt Orizzont Ewropa, EUR 220 miljun taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni u EUR 150 miljun taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI).

L-istruttura baġitarja u finanzjarja dettaljata tal-proposta dwar il-baġit tal-Unjoni hija ppreżentata fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta u se tiġi ssodisfata mir-riżorsi disponibbli tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

EUR 1 600 miljun huma allokat i għall-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura permezz ta' tnaqqis ta' EUR 260 miljun tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, EUR 150 miljun tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), "sfidi emerġenti u riżervi ta' prijorità", EUR 400 miljun tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), EUR 440 miljun taħt il-Programm Ewropa Diġitali (DEP) u EUR 200 miljun taħt il-linja diġitali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), EUR 50 mill-marġini mhux allokat tal-intestatura 1 u EUR 100 miljun mill-marġini mhux allokat tal-intestatura 5 tal-QFP.

Il-Kummissjoni tipproponi li tittratta t-tnaqqis tal-pakketti finanzjarji tal-programm Spazjali Ewropew, l-FNE, l-EDF, id-DEP u l-NDICI fi ħdan il-varjazzjoni ta' 15 % prevista mill-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

L-Artikolu 14 tal-proposta jipprevedi li l-Programm se jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew taħt ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kostijiet stmati tal-Programm huma r-riżultat ta' analiżijiet estensivi, appoġġati mill-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni fil-ġestjoni tal-Programm Spazjali tal-UE u permezz ta' studji preparatorji u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Ir-rekwiżiti stmati fir-Riżorsi Umani kif indikati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja li takkumpanja dan ir-Regolament jirriflettu l-ħtieġa essenzjali ta' kontinwità fl-għarfien espert.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Artikolu 6(1) tal-proposta jispeċifika li l-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' kuntratti, inkluż iżda mhux limitat għal kuntratti ta' konċessjoni kif definiti skont l-Artikolu 2(14) tar-Regolament Finanzjarju jew kuntratti mħallta.

Il-Programm se jiġi evalwat wara tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament u kull erba' snin wara dan. L-evalwazzjoni tal-Programm, f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal

Regolamentazzjoni Aħjar, se tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Programm. F'konformità mal-Artikolu 37 tal-proposta, l-enfasi se tkun b'mod partikolari fuq il-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti mill-Programm u fuq l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti. Barra minn hekk, se titwettaq valutazzjoni dwar il-komponenti kritiċi u l-maturità tal-katina tal-provvista tal-UE, biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni governattiva ma jkunux jiddependu b'mod kritiku fuq l-infrastruttura mhux tal-UE. L-istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE għall-utenti finali, il-konċessjonarju u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) flimkien mal-Kummissjoni se jwettqu l-evalwazzjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti minn 11-il Kapitolu. Hija strutturata kif ġej:

Il-Kapitolu I fih id-dispożizzjonijiet ġenerali li jistabbilixxu s-suġġett tal-proposta, li huwa li tiġi stabbilita s-sistema tal-Unjoni ta' komunikazzjoni għal konnettività sigura għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-2021-2027. Il-Kapitolu jistabbilixxi wkoll kemm l-oġettivi ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi tal-Programm, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Kapitolu jiddefinixxi l-infrastruttura tal-Programm. Fl-aħħar nett, il-Kapitolu fih dispożizzjoni li tispjega li l-Programm għandu jappoġġa settur spazjali tal-Unjoni innovattiv u kompetittiv, u jstimula l-ekosistema ta' Spazju Ġdid fl-Unjoni, inkluża l-parteċipazzjoni tal-SMEs, tan-negozji ġodda u tal-innovaturi minn madwar l-Istati Membri tal-Unjoni.

Il-Kapitolu II jistabbilixxi u jiddefinixxi s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-Programm. Barra minn hekk, il-Kapitolu jistabbilixxi r-regoli dwar il-forniment tas-servizzi governattivi u jiddefinixxi l-parteċipanti u l-utenti tas-servizzi governattivi.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Programm. Dan jiddefinixxi l-flussi ta' finanzjament u jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għall-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni.

Il-Kapitolu IV jistabbilixxi r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, li għandu jitwettaq permezz ta' kuntratti konklużi mill-Kummissjoni ma' kuntrattur. Tali kuntratt għandu jingħata f'konformità mal-prinċipji tal-akkwist stabbiliti fl-Artikolu 17, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju, u jista' jieħ u l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni jew kuntratt imħallat. Jekk il-konklużjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni jew tal-kuntratt imħallat ma tkunx vijabbli, il-Kummissjoni, skont il-paragrafu 3, għandu jkollha s-setgħa li timplimenta l-Programm permezz ta' kuntratt ta' provvista/servizzi jew ta' xogħlijiet. Il-Kapitolu jistabbilixxi wkoll ir-regoli li jirregolaw is-sjieda u l-użu tal-assi li jiffurmaw parti minn dik l-infrastruttura

Il-Kapitolu V jirrigwarda l-governanza tal-Programm. Dan jiddeskrivi r-rwol li jridu jaqdu l-erba' atturi ewlenin ta' dan il-Programm, jiġifieri l-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, l-Istati Membri, u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, u r-relazzjonijiet bejn dawn id-diversi atturi.

Il-Kapitolu VI jittratta s-sigurtà, li hija partikolarment importanti fid-dawl tan-natura strateġika tal-Programm u r-rabtiet bejn l-isparju u s-sigurtà. Għandu jintlaħaq u jinżamm livell għoli ta' sigurtà billi jiġu imposti arranġamenti effettivi ta' governanza, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma bbażati fuq l-esperjenza tal-Istati Membri u fuq l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, bħal kwalunkwe programm

b'dimensjoni strateġika, il-Programm għandu jkun soġġett għal akkreditazzjoni indipendenti tas-sigurtà skont l-istandards xierqa f'dan ir-rigward.

Il-Kapitolu VII jistabbilixxi l-kriterji għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm u għall-aċċess ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għas-servizzi governattivi tal-Programm.

Il-Kapitoli VIII u IX jistabbilixxu rispettivament id-dispożizzjonijiet għall-programmazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programm, u għall-miżuri ta' delega u ta' implimentazzjoni.

2022/0039 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Hemm domanda dejjem akbar mill-atturi governattivi tal-Unjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita siguri u affidabbli, b'mod partikolari minħabba li jkunu l-unika għażla vijabbli f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-art ma jkunux jeżistu, jiġu mfixkla jew ma jkunux affidabbli. Aċċess li jkun għall-but ta' kulħadd u kosteffettiv għal komunikazzjoni bbażata fuq is-satellita huwa wkoll indispensabbli f'reġjuni remoti u fl-ibħra miftuħa u fl-ispazju tal-ajru. Pereżempju, fejn in-nuqqas ta' komunikazzjoni b'wisa' tal-banda għolja bħalissa jillimita l-kapaċità li jittieħed vantaġġ sħiħ minn sensuri u pjattaformi ġodda li josservaw il-71 % tal-pjaneta tagħna li hija oċean, il-komunikazzjoni bis-satellita tiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni.
- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 laqgħu t-tnejn għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Is-satcom governattiva ġiet identifikata wkoll bħala wieħed mill-elementi tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2016. Is-satcom governattiva għandha tagħti kontribut għar-rispons tal-UE għat-Theddidiet Ibridi u tipprovdi sostenn għall-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE u għall-politika tal-UE dwar l-Artiku.
- (3) Fit-22 ta' Marzu 2017, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill approva l-Ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli għall-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-

Satellita ¹⁸ li tħejjew mis-SEAE dwar ir-reqwiżiti tal-utent militari identifikati mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fl-Objettiv Komuni tal-Istat Maġġur tagħha adottata fl-2014, u l-ħtiġijiet tal-utent ċivili miġbura mill-Kummissjoni ġew magħquda biex jipproduċu l-ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli għall-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita.

- (4) L-UE adottat il-komponent ta' GOVSATCOM tar-Regolament (UE) 2021/696 fit-28 ta' April 2021, biex tiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet bis-satellita affidabbli, siguri u kosteffettivi għall-utenti ta' GOVSATCOM. Ir-Regolament (UE) 2021/696 jipprevedi li fl-ewwel fażi, tal-komponent GOVSATCOM sa madwar l-2025, tintuża l-kapaċità eżistenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha takkwista kapaċitajiet ta' GOVSATCOM mill-Istati Membri b'sistemi nazzjonali u kapaċitajiet spazjali u minn fornituri tal-komunikazzjoni kummerċjali bis-satellita jew tas-servizzi, filwaqt li tqis l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni. F'dik l-ewwel fażi, is-servizzi ta' GOVSATCOM iridu jiġu introdotti permezz ta' approċċ gradwali. Huwa bbażat ukoll fuq il-premessa li jekk matul l-ewwel fażi, analiżi ddettaljata tal-provvista u tad-domanda fil-futur tiżvela li dan l-approċċ ma jkunx biżżejjed biex ikopri d-domanda li tkun qed tevolve, ikun neċessarju li tinbeda t-tieni fażi u li jiġu żviluppati infrastrutturi jew kapaċitajiet spazjali addizzjonali mfassla apposta permezz ta' kooperazzjoni mas-settur privat, eż. mal-operaturi satellitari tal-Unjoni.
- (5) Issa huwa ċar li l-assi attwali tal-Unjoni ta' komunikazzjoni bis-satellita ma jistgħux jissodisfaw ħtiġijiet ġodda tal-utenti governattivi li qed jagħmlu l-bidla lejn soluzzjonijiet ta' sigurtà ogħla, latenza baxxa u kopertura globali. Għalkemm il-progress tekniku riċenti ppermetta li jitfaċċaw kostellazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet ta' orbita mhux ġeostazzjonarja (NGSO) u gradwalment joffri servizzi ta' konnettività b'veloċità għolja u b'latenza baxxa. Hemm possibbiltajiet ta' opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti governattivi billi tiġi żviluppata u implimentata infrastruttura addizzjonali peress li l-filings għall-frekwenzi neċessarji biex jiġu pprovduti s-servizzi meħtieġa bħalissa huma disponibbli fl-Unjoni Ewropea. Jekk ma jintużawx, dawn il-filings ma jibqgħux validi u jiġu attribwiti lil atturi oħra. Peress li l-frekwenzi huma riżorsa li dejjem qed tiskarsa aktar, l-UE tista' titlef din l-opportunità għal dejjem.
- (6) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21-22 ta' Marzu 2019 enfasizzaw li l-Unjoni jeħtieġ li tkompli tiżviluppa ekonomija diġitali kompetittiva, sigura, inklużiva u etika b'konnettività ta' klassi dinjija.
- (7) Il-“Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju” tat-22 ta' Frar 2021, jiddikjara li għandu l-għan li “se jippermetti l-aċċess għal konnettività b'veloċità għolja għal kulħadd fl-Ewropa, u se jipprovdi sistema ta' konnettività reżiljenti li permezz tagħha l-Ewropa tibqa' konnessa irrispettivament minn x'jiġri”¹⁹.
- (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura l-forniment ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu reżiljenti, globali, garantiti u flessibbli għall-ħtiġijiet governattivi li qed jevolvu, mibnija fuq bażi teknoloġika u industrijali tal-UE, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-operazzjonijiet tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' aċċess garantit u mingħajr interruzzjoni għall-komunikazzjoni bis-satellita.

¹⁸ CSDP/PSDC 152, CFSP/PESC 274, COPS 103.

¹⁹ COM(2021) 70 final.

- (9) Il-komunikazzjoni bis-satellita tista' żżid ir-reżiljenza ġenerali tan-networks ta' komunikazzjoni. Sistema ta' komunikazzjoni bbażata fuq l-ispazju hija l-unika għażla vijabbli f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi bbażati fuq l-art ma jkunux jeżistu, jiġu mfixkla jew ma jkunux affidabbli. Pereżempju, hija tista' tipprovdi mezzi għall-komunikazzjoni diġitali f'żoni fejn in-networks terrestri jkunu nieqsa, inkluż fuq l-oċeani u matul it-titjiriet, kif ukoll fuq żoni remoti, jew fejn in-networks lokali jkunu ġew meqruda minħabba diżastri naturali, jew ma jkunux jistgħu jiġu fdati f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.
- (10) Għalhekk, huwa importanti li jiġi stabbilit Programm ġdid tal-Unjoni għal Konnettività Sigura ("il-Programm") biex jipprevedi l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq is-satellita, li jenħtieġ li tinbena fuq il-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u li jenħtieġ li tiegħu vantaġġ ukoll minn kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej addizzjonali, li jeżistu fiż-żmien meta tkun qed titwettaq l-azzjoni u li tiġi żviluppata aktar l-inizjattiva tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI).
- (11) Jenħtieġ li l-Programm jiżgura l-forniment tas-servizzi governattivi u jippermetti l-forniment tas-servizzi kummerċjali permezz ta' infrastruttura governattiva u kummerċjali ddedikata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkonsisti f'azzjonijiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni għall-konstruzzjoni tal-infrastruttura spazjali u terrestri inizjali u għat-tneġġja tal-infrastruttura spazjali inizjali. Jenħtieġ li l-Programm imbagħad jinvolvi attivitajiet ta' implimentazzjoni mmirati lejn it-tlestija kemm tal-infrastruttura spazjali kif ukoll dik terrestri meħtieġa għall-forniment ta' servizzi governattivi. Il-forniment ta' servizzi governattivi, l-operat, il-manutenzjoni u t-titjib kontinwu tal-infrastruttura, ladarba tiġi implimentata, kif ukoll l-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li jkunu parti mill-attivitajiet ta' sfruttament. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' sfruttament jibdew mill-aktar fis possibbli bil-forniment tas-sett inizjali ta' servizzi mmirati sal-2024 biex jissodisfaw mill-aktar fis possibbli l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti governattivi.
- (12) Minn Ġunju 2019, l-Istati Membri ffirmaw id-Dikjarazzjoni dwar l-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI), fejn qablu li jaħdmu flimkien, mal-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-ESA, lejn l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika li tkopri l-UE kollha. Skont din id-Dikjarazzjoni, l-EuroQCI għandha l-għan li tuża infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika sigura ċċertifikata minn tarf sa tarf, li tippermetti li l-informazzjoni u d-*data* jiġu trażmessi u maħżuna b'mod ultrasigur u li tkun kapaċi tgħaqqad l-assi kritiċi ta' komunikazzjoni pubblika madwar l-Unjoni kollha. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jinbnew infrastruttura spazjali u infrastruttura terrestri interkonnessi, sabiex ikunu jistgħu jiġu ġġenerati u distribwiti kjavi kriptografiċi bbażati fuq it-teorija tal-informazzjoni kwantistika. Il-Programm se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Dikjarazzjoni tal-EuroQCI billi jiżviluppa infrastruttura spazjali tal-EuroQCI integrata fl-infrastruttura spazjali u dik terrestri tal-Programm. Jenħtieġ li l-infrastruttura spazjali tal-EuroQCI tiġi żviluppata fil-Programm f'żewġ fażijiet ewlenin, fażi ta' validazzjoni preliminari u fażi ta' implimentazzjoni sħiħa, li jenħtieġ li tippermetti l-integrazzjoni sħiħa mal-Programm, inklużi soluzzjonijiet xierqa għall-konnettività u r-rilej tad-*data* intersatellitari bejn is-satelliti u l-art. Jenħtieġ li l-Programm jintegra l-EuroQCI fl-infrastruttura governattiva tiegħu, peress li se jipprovdi sistemi kriptografiċi li jibqgħu validi għall-futur u li joffru livelli mingħajr preċedent ta' komunikazzjonijiet siguri billi jirreżistu attakki futuri tal-computing kwantistiku.

- (13) Biex jiġu ottimizzati r-riżorsi disponibbli kollha ta' komunikazzjoni bis-satellita, sabiex jiġi ggarantit l-aċċess f'sitwazzjonijiet mhux prevedibbli, bħad-diżastri naturali, u biex tiġi żgurata l-effiċjenza operazzjonali u ħinijiet qosra ta' pproċessar, huwa meħtieġ segment terrestri. Jenħtieġ li dan jiġi mfassal abbażi tar-rekwiżiti operazzjonali u tas-sigurtà.
- (14) Sabiex jiġu estiżi l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bis-satellita tal-Unjoni, jenħtieġ li l-infrastruttura tal-Programm tintegra l-infrastruttura żviluppata għall-finijiet tal-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-infrastruttura terrestri tal-Programm tinkludi ċ-Ċentri tal-GOVSATCOM u assi oħra tas-segment terrestri.
- (15) Jenħtieġ li s-servizzi attivati mill-Programm jgħaqqdu żoni strateġiċi bħall-Artiku u l-Afrika, u jikkontribwixxu għar-reżiljenza ġeopolitika billi joffru konnettività addizzjonali f'konformità mal-miri ta' politika f'dawn ir-reġjuni u mal-istrateġija Global Gateway²⁰.
- (16) Huwa xieraq li s-satelliti mibnija għall-finijiet tal-Programm ikunu mġhamra b'tagħbijiet utli li jistgħu jippermettu li jiżiedu l-kapaċità u s-servizzi tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, b'hekk, ikun possibbli l-iżvilupp ta' missjonijiet addizzjonali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/696. Huwa jista' joffri servizzi alternattivi ta' pożizzjonament, navigazzjoni u ta' twaqqit li jikkomplementaw lil Galileo, jiżgura x-xandir ta' messaġġi EGNOS/SBAS b'latenza aktar baxxa, jipprovdi sensuri bbażati fuq l-ispace għas-sorveljanza spazjali u jappoġġa it-titjib tal-kapaċitajiet attwali ta' Copernicus, b'mod partikolari għas-servizzi ta' emerġenza u tas-sigurtà ċivili.
- (17) Huwa vitali għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tas-servizzi governattivi, li, fejn possibbli, l-assi spazjali tal-Programm jiġu mnedija mit-territorju tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-mikrolanċaturi jistgħu jipprovdu flessibilità addizzjonali biex jippermettu l-implimentazzjoni rapida tal-assi spazjali.
- (18) Huwa importanti li l-Unjoni jkollha l-assi tanġibbli u intanġibbli kollha relatati mal-infrastruttura governattiva filwaqt li tiżgura r-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-Artikolu 17 tagħha. Minkejja s-sjieda mill-Unjoni ta' daww l-assi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament u, fejn jitqies xieraq fuq valutazzjoni ta' każ b'każ, li daww l-assi jsiru disponibbli għal partijiet terzi jew li jiġu mwarrba.
- (19) Jenħtieġ li l-Programm jipprovdi servizzi mmirati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti governattivi. Il-Ħtiġijiet tal-Utenti Militari Ċivili ta' Livell Għoli għall-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita²¹, li ġew approvati mill-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill f'Marzu 2017, identifkaw tliet pilastrji tal-każijiet ta' użu tas-servizzi governattivi: is-sorveljanza, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-konnessjoni u l-protezzjoni ta' infrastrutturi ewlenin.
- (20) Jenħtieġ li r-rekwiżiti operazzjonali għas-servizzi governattivi jkunu bbażati fuq l-analiżi tal-każ ta' użu. Minn daww ir-rekwiżiti operazzjonali, flimkien mar-rekwiżiti tas-sigurtà u d-domanda dejjem tevolvi tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li jiġi żviluppat il-portafoll tas-servizzi governattivi. Il-portafoll tas-servizzi jenħtieġ li

²⁰ JOIN(2021) 30 final.

²¹ SEAE(2017) 359.

jistabbilixxi l-linja bażi applikabbli għas-servizzi governattivi. Il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi jenħtieġ li jqis il-portafoll tas-servizzi tas-servizzi ta' GOVSATCOM stabbilit fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696. Sabiex tinżamm l-aqwa konkordanza possibbli bejn id-domanda u s-servizzi pprovduti, jenħtieġ li l-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi jiġi aġġornat regolarment.

- (21) Il-komunikazzjonijiet bis-satellita mhumix riżorsa infinita u huma limitati mill-kapaċità satellitari, mill-frekwenza u mill-kopertura ġeografika. Sabiex ikun kosteffettiv u jikkapitalizza fuq l-ekonomiji ta' skala, jenħtieġ li l-Programm jottimizza l-konkordanza bejn il-provvista u d-domanda tas-servizzi governattivi. Peress li d-domanda u l-provvista potenzjali jinbidlu maż-żmien, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-ħtiġijiet biex taġġusta l-portafoll għas-servizzi governattivi kull meta dan jidher li jkun meħtieġ.
- (22) Jenħtieġ li l-Programm jippermetti wkoll il-forniment ta' servizzi kummerċjali ta' mis-settur privat. Tali servizzi kummerċjali b'mod partikolari jistgħu jikkontribwixxu għad-disponibbiltà ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel madwar l-Ewropa, ineħħu żoni mingħajr konnessjoni u jżidu l-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, inklużi żoni u gżejjer rurali, periferali, remoti u iżolati, u jipprovdu konnettività fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku.
- (23) L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE"), kif ukoll l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jsiru l-parteċipanti tal-Programm, sa tali punt fejn jagħżlu li jawtorizzaw utenti ta' servizzi governattivi jew jipprovdu kapaċitajiet, siti jew faċilitajiet. Meta wieħed iqis li hija f'idejn Stat Membru li jiddeċiedi jekk jawtorizzax l-utenti nazzjonali tas-servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati li jsiru parteċipanti tal-Programm jew li jospitaw infrastruttura tal-Programm.
- (24) Kull parteċipant tal-Programm jenħtieġ li jaħtar Awtorità Kompetenti għall-Konnettività Sigura biex timmonitorja jekk l-utenti, u entitajiet nazzjonali oħra li għandhom rwol fil-Programm, jikkonformawx mar-regoli u l-proċeduri ta' sigurtà applikabbli kif stabbilit fir-rekwiżiti tas-sigurtà.
- (25) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju, li jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda²², għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (26) L-oġġettivi tal-Programm huma koerenti u komplementari ma' dawk ta' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, il-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, l-

²² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

²³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ u, b'mod partikolari, il-Programm Spazjali tal-Unjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷.

- (27) Il-Programm Orizzont Ewropa se jalloka sehem dedikat mill-komponenti tiegħu tal-Raggruppament 4 għall-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni relatati mal-iżvilupp u mal-validazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura, inkluż għat-teknoloġiji potenzjali li jiġu żviluppati taħt Spazju Ġdid. L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) se jalloka sehem dedikat tal-fondi ta' Ewropa Globali tiegħu għal attivitajiet relatati mal-operat tas-sistema u mal-provvediment ta' servizzi, u dan se jippermetti li jiġu offruti firxa ta' servizzi lil sħab internazzjonali. Il-Programm Spazjali tal-Unjoni se jalloka sehem dedikat tal-komponent GOVSATCOM tiegħu għall-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-GOVSAATCOM Hub li se jiffirma parti mill-infrastruttura tal-art tas-sistema ta' Konnettività Sigura. Il-finanzjament li joriġina minn dawn il-programmi jenħteġ li jiġi implimentat f'konformità mar-regoli ta' dawn il-programmi. Minħabba li dawk ir-regoli huma differenti sew mir-regoli taħt dan ir-Regolament, il-ħtieġa li l-oġġettivi tal-politika intenzjonali jintlaħqu b'mod effettiv jenħteġ li tiġi kkunsidrata meta tkun qed tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet kemm mill-fondi allokati minn Orizzont Ewropew u NDICI kif ukoll mill-Programm ta' Konnettività Sigura tal-Unjoni.
- (28) Minħabba l-implikazzjonijiet inerenti tiegħu fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jikkondividi wkoll oġġettivi u prinċipji mal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. Għalhekk, parti mill-finanzjament minn dak il-Programm jenħteġ li jiġi pprovdut biex jifinanzja l-attivitajiet taħt dan il-Programm, b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-infrastruttura tiegħu.
- (29) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹ (ir-“Regolament Finanzjarju”) japplika għall-Programm. Ir-Regolament Finanzjarju

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

²⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni.

- (30) F'konformità mal-Artikolu 191(3) tar-Regolament Finanzjarju, fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jiġu ffinanzjati darbtejn l-istess kostijiet mill-baġit tal-Unjoni.
- (31) Il-Kummissjoni, meta twettaq ċerti kompiti tagħha ta' natura mhux regolatorja, jenħtieġ li tkun tista' tirrikorri, kif ikun meħtieġ u kemm ikun hemm bżonn, għall-assistenza teknika ta' ċerti partijiet esterni. Entitajiet oħra involuti fil-governanza pubblika tal-Programm jenħtieġ li wkoll jużaw l-istess assistenza teknika fit-twettiq tal-kompiti fdati lilhom skont dan ir-Regolament.
- (32) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.
- (33) Il-kuntratti ta' akkwist konklużi taħt il-Programm għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Unjoni tkun responsabbli wkoll għad-definizzjoni tal-oġettivi li jridu jintlaħqu fir-rigward tal-akkwist pubbliku.
- (34) L-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi li, abbażi tar-riżultati ta' valutazzjoni *ex ante*, il-Kummissjoni trid tkun tista' tiddependi fuq is-sistemi u l-proċeduri tal-persuni jew tal-entitajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni. Jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li fil-ftehim ta' kontribuzzjoni korrispondenti jiġu definiti aġġustamenti speċifiċi għal dawk is-sistemi u l-proċeduri ("miżuri ta' superviżjoni"), kif ukoll l-arranġamenti għall-kuntratti eżistenti.
- (35) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Programm, huwa importanti li, fejn ikun xieraq, wieħed ikun jista' jibbaża fuq il-kapaċitajiet offruti mill-entitajiet pubbliċi u privati tal-Unjoni li jkunu attivi fil-qasam spazjali, u li jkun jista' jaħdem ukoll fil-livell internazzjonali ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal din ir-raġuni, huwa meħtieġ li jkun hemm lok għall-possibbiltà li jintużaw l-għodod u l-metodi ta' ġestjoni rilevanti kollha li huma previsti mit-TFUE u mir-Regolament Finanzjarju u proċeduri konġunti tal-akkwist.
- (36) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95³¹, (Euratom, KE) Nru 2185/96³² u (UE) 2017/1939³³, l-

³⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

³¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

³² Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa mogħti s-setgħa li jinvestiga u li jressaq reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkooopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi mill-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (37) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, huwa meħtieġ li pajjiżi terzi jintalbu jagħtu d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa għall-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, għall-OLAF u għall-Qorti tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.
- (38) Sħubija pubblika-privata hija l-aktar skema xierqa biex jiġi żgurat li l-oġettivi tal-Programm ikunu jistgħu jiġu segwiti. Hija tippermetti li l-bażi teknoloġika u infrastrutturali eżistenti tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-UE tkompli tiġi żviluppata u li jiġu pprovduti servizzi governattivi robusti u innovattivi, filwaqt li tippermetti lis-sieħeb privat jikkomplementa l-infrastruttura tal-Programm b'kapaċitajiet addizzjonali biex joffri servizzi kummerċjali permezz ta' investimenti proprji addizzjonali. Barra minn hekk, skema bħal din tottimizza l-kostijiet tal-implimentazzjoni u tal-operat billi tikkondividi l-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni fuq komponenti komuni kemm għall-infrastrutturi governattivi kif ukoll għal dawk kummerċjali, kif ukoll għall-kostijiet operazzjonali billi tippermetti livell għoli ta' mutwalizzazzjoni tal-kapaċità. Hija tistimula l-innovazzjoni b'mod partikolari għal Spazju Ġdid billi tippermetti l-kondiviżjoni tar-riskji tar-Riċerka u l-Iżvilupp bejn is-sħab pubbliċi u privati.
- (39) Il-mudell ta' implimentazzjoni jista' jieħu l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni jew ta' arranġamenti kuntrattwali oħra. Irrispettivament mill-mudell ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bosta prinċipji ewlenin. Jenħtieġ li l-kuntratt jistabbilixxi distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn is-sħab pubbliċi u privati. Għalhekk, jenħtieġ li jevita kwalunkwe kumpens żejjed tas-sieħeb privat għall-forniment ta' servizzi governattivi, jippermetti li l-forniment ta' servizzi kummerċjali jiġi stabbilit mis-settur privat, u jiżgura prijoritizzazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet tal-utenti

³³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

³⁴ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

governattivi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tivvaluta u tapprova tali servizzi biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġġettivi tal-Programm jiġu ppreservati u jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati biex jipprevjenu distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi kummerċjali; tali salvagwardji jistgħu jinkludu s-separazzjoni tal-kontijiet bejn is-servizzi governattivi u kummerċjali, l-aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kummerċjali. Jenħtieġ li s-sħubija pubblika-privata trawwem il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs tul il-katina tal-valur kollha tal-konċessjoni u madwar l-Istati Membri, u b'hekk tinċentiva l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela

- (40) Governanza pubblika tajba tal-Programm tirrikjedi d-distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti fost l-atturi differenti involuti biex tiġi evitata duplikazzjoni bla hteġa u biex jitnaqqsu l-kostijiet li jaqbżu l-baġit u d-dewmien. L-atturi kollha tal-governanza jenħtieġ li jappoġġaw, fil-qasam tal-kompetenza tagħhom u f'konformità mar-responsabbiltajiet tagħhom, l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Programm.
- (41) L-Istati Membri ilhom attivi fil-qasam tal-ispazju. Huma għandhom sistemi, infrastruttura, aġenziji u korpi nazzjonali marbuta mal-ispazju. Għalhekk, jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-Programm, speċjalment għall-implimentazzjoni tiegħu. Huma jistgħu jikkooperaw mal-Unjoni biex jippromwovu s-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-Programm u jiżguraw koerenza bejn l-inizjattivi nazzjonali rilevanti u l-Programm. Il-Kummissjoni tista' timmobilizza l-mezzi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tibbenefika mill-assistenza tagħhom u, soġġett għal kundizzjonijiet maqbula reċiprokament, tiddelega lill-Istati Membri kompiti mhux regolatorji fl-implimentazzjoni tal-Programm. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri stabbilita fit-territorji tagħhom. Minbarra dan, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien u ma' korpi internazzjonali u ma' awtoritajiet regolatorji xierqa biex jiżguraw li l-frekwenzi meħtieġa għall-Programm ikunu disponibbli u protetti fil-livell adegwat biex ikun hemm lok għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-applikazzjonijiet abbażi tas-servizzi offriti, f'konformità mad-Deċizzjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵.
- (42) F'konformità mal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u bħala promotur tal-interess ġenerali tal-Unjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li timplimenta l-Programm, tassumi responsabbiltà ġenerali u tippromwovi l-użu tiegħu. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tad-diversi partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddelega ċerti kompiti lil entitajiet oħra f'ċirkostanzi ġustifikabbli. Ladarba għandha r-responsabbiltà ġenerali tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali prinċipali meħtieġa biex tiġi implimentata l-evoluzzjoni tas-sistemi u tas-servizzi. Jenħtieġ li tagħmel dan wara li tkun ikkonsultat lill-esperti tal-Istati Membri, lill-utenti u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-TFUE, l-eżerċizzju tal-kompetenza mill-Unjoni ma jirriżultax f'impediment għall-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom. Madankollu, biex isir użu tajjeb mill-fondi tal-Unjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiżgura, kemm jista' jkun, il-koerenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm, ma' dawk tal-Istati Membri.

³⁵ Id-Deċizzjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

- (43) Il-missjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (“l-Aġenzija”) hija li tikkontribwixxi għall-Programm, b’mod partikolari fir-rigward tal-akkreditament tas-sigurtà. Għalhekk, jenħtieġ li ċerti kompiti marbuta ma’ dawk l-oqsma jiġu fdati lill-Aġenzija. Fir-rigward tas-sigurtà b’mod partikolari, u minħabba l-esperjenza tagħha f’dan il-qasam, jenħtieġ li l-Aġenzija tkun responsabbli għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-servizzi u l-infrastruttura governattivi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Aġenzija twettaq il-kompiti li l-Kummissjoni tikkonferixxi lilha. Meta tiddelega kompiti lill-Aġenzija, jenħtieġ li jkunu disponibbli riżorsi umani, amministrattivi u finanzjarji adegwati.
- (44) Filwaqt li tibni fuq l-għarfien espert żviluppat f’dawn l-aħħar snin fil-ġestjoni, fl-operat u fil-forniment ta’ servizzi relatati mal-komponenti Galileo u EGNOS tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, l-Aġenzija hija l-aktar korp xieraq biex jimplimenta, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, il-kompiti kollha relatati mal-operat tal-infrastruttura governattiva u l-forniment ta’ servizzi governattivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tiġi fdata bl-operat tal-infrastruttura governattiva u bil-forniment ta’ servizzi governattivi.
- (45) Sabiex jiġi żgurat l-operat tal-infrastruttura governattiva u jiġi ffaċilitat il-forniment ta’ servizzi governattivi, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla tiddelega, permezz ta’ ftehimiet ta’ kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, f’oqsma tal-kompetenza rispettiva tagħhom, skont il-kundizzjonijiet tal-ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni.
- (46) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b’għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali inkluż fil-komunikazzjoni bis-satellita u għalhekk hija sieħeb importanti fl-implimentazzjoni tal-aspetti differenti tal-politika spazjali tal-Unjoni. F’dak ir-rigward, l-ESA jenħtieġ li tkun tista’ tipprovdi għarfien espert tekniku lill-Kummissjoni, inkluż għat-thejjja tal-aspetti tekniċi tal-Programm. Għal dan l-għan, l-ESA tista’ tiġi fdata bl-attivitajiet ta’ żvilupp u bil-validazzjoni tal-Programm, u tappoġġa l-evalwazzjoni tal-kuntratti konklużi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm.
- (47) Minħabba l-importanza tal-attivitajiet marbuta mal-ispazju għall-ekonomija tal-Unjoni u għall-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kisba u ż-żamma ta’ livell għoli ta’ sigurtà jkunu prijorità ewlenija għall-Programm, b’mod partikolari sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta’ informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.
- (48) Skont l-Artikolu 17 tat-TUE, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni ta’ programmi li, f’konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, jistgħu jiġu sottodelegati lil partijiet terzi, f’ġestjoni indiretta. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-kompiti mwettqa minn partijiet terzi għall-implimentazzjoni tal-Programm f’ġestjoni indiretta ma jfixklux is-sigurtà tal-Programm, b’mod partikolari fir-rigward tal-kontroll ta’ informazzjoni klassifikata. Għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li fejn il-Kummissjoni tiddelega lill-ESA biex twettaq kompiti skont il-Programm, il-ftehimiet ta’ kontribuzzjoni korrispondenti jridu jiżguraw li l-informazzjoni klassifikata ġġenerata mill-ESA titqies bħala informazzjoni klassifikata tal-UE (“IKUE”) f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE,

Euratom) 2015/444³⁶ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE³⁷ maħluqa taħt l-awtorità tal-Kummissjoni.

- (49) Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, it-tnejn li huma fil-qasam rispettiv ta' kompetenza tagħhom, jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tal-Programm, f'konformità ma' dan ir-Regolament u, fejn ikun rilevanti, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698³⁸.
- (50) Minħabba l-għarfien espert speċifiku tas-SEAE u l-kuntatt regolari tiegħu mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, jenħtieġ li s-SEAE jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' ċerti kompiti relatati mas-sigurtà tal-Programm fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE³⁹.
- (51) Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, kif previst fl-Artikolu 4(2) tat-TUE, u għad-dritt tal-Istati Membri li jipproteġu l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom f'konformità mal-Artikolu 346 tat-TFUE, jenħtieġ li tiġi stabbilita governanza speċifika ta' sigurtà li tiżgura implimentazzjoni bla xkiel tal-Programm. Jenħtieġ li dik il-governanza tkun ibbażata fuq tliet prinċipji ewlenin. L-ewwel nett, huwa importanti li l-esperjenza unika u estensiva tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà titqies kemm jista' jkun. It-tieni, sabiex ikun hemm prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u ta' kwalunkwe nuqqas fl-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sigurtà, jenħtieġ li l-funzjonijiet operazzjonali jkunu segregati mill-funzjonijiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà. It-tielet, l-entità responsabbli għall-ġestjoni tal-infrastruttura kollha tal-Programm jew ta' parti minnha hija wkoll l-aqwa waħda biex timmaniġġa s-sigurtà tal-kompiti fdati lilha. Is-sigurtà tal-Programm tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-UE matul is-snin li għaddew. Governanza tajba tas-sigurtà tirrikjedi wkoll li r-rwoli jiġu distribwiti b'mod xieraq fost id-diversi atturi. Minħabba li hija responsabbli għall-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali, tiddetermina r-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà applikabbli għall-Programm.
- (52) Iċ-ċibersigurtà tal-infrastrutturi tal-Programm, kemm terrestri kif ukoll spazjali, hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz u tal-operazzjonijiet tas-sistema. Il-ħtieġa li jiġu protetti s-sistema u s-servizzi tagħha kontra l-attakki ċibernetiċi, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, jenħtieġ li għalhekk titqies b'mod xieraq meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tas-sigurtà.
- (53) Fejn xieraq, wara l-analiżi tar-riskju u tat-theddid, il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika struttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà. Din l-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà jenħtieġ li jkun l-entità li twieġeb għall-istruzzjonijiet żviluppati fl-ambitu tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/698.

³⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

³⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

³⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PESK (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 178).

³⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (2010/427/UE) (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

- (54) Is-servizzi governattivi pprovduti mill-Programm se jintużaw mill-atturi governattivi tal-Unjoni f'missjonijiet kritiċi tas-sigurtà u tas-sikurezza. Għalhekk, tali servizzi u infrastruttura jenħtieġ li jkunu soġġetti għal akkreditazzjoni tas-sigurtà.
- (55) Huwa indispensabbli li attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà jitwettqu abbażi ta' responsabbiltà kollettiva għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, billi kull attur jagħmel l-almu tiegħu biex jibni kunsens u billi jiġu involuti daww kollha kkonċernati bil-kwistjoni tas-sigurtà, u li titpoġġa fis-seħħ proċedura għall-monitoraġġ permanenti tar-riskju. Huwa wkoll neċessarju li l-attivitajiet tal-akkreditazzjoni teknika tas-sigurtà jiġu mwettqa minn professjonisti li huma kwalifikati kif xieraq fil-qasam tal-akkreditazzjoni tas-sistemi kumplessi u li għandhom livell adegwat ta' approvazzjoni tas-sigurtà.
- (56) Objettiv importanti tal-Programm huwa li jiżgura s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u li jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-teknoloġiji ewlenin u fil-ktajjen tal-valur. F'każijiet speċifiċi, dan l-objettiv jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni, meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-integrità, is-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni. Dan jenħtieġ li ma jdgħajjifx il-ħtieġa tal-kompetittività u l-kosteffettività.
- (57) Meta wieħed iqis l-importanza għall-Programm tal-infrastruttura governattiva terrestri tiegħu, u l-impatt ta' din fuq is-sigurtà tiegħu, il-post ta' tali infrastruttura jenħtieġ li jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-infrastruttura governattiva terrestri tal-Programm tkompli ssegwi proċess miftuħ u trasparenti, li jista' jinvolti lill-Aġenzija, fejn xieraq, abbażi tal-qasam ta' kompetenza tagħha.
- (58) Is-servizzi governattivi tal-Programm se jintużaw f'missjonijiet u f'operazzjonijiet kritiċi tas-sigurtà u s-sikurezza mill-atturi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għalhekk, sabiex jiġi protett l-interess essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, huma meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat livell meħtieġ ta' nondipendenza fuq partijiet terzi (pajjiżi terzi u entitajiet minn pajjiżi terzi), li jkopru l-elementi kollha tal-Programm. Dan jinkludi teknoloġiji spazjali u terrestri fil-livell tal-komponenti, tas-subsistemi u tas-sistemi, l-industrija tal-manifattura, is-sidien u l-operaturi tas-sistemi spazjali, u l-post fiżiku tal-komponenti tas-sistema terrestri.
- (59) Sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea fil-futur, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħilet avvanzati f'oqsma relatati mal-ispazju u jappoġġa lill-attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, jippromwovi opportunitajiet indaqs, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ taċ-ċittadini tal-Unjoni f'dak il-qasam.
- (60) Minħabba l-kopertura tiegħu madwar id-dinja, il-Programm għandu dimensjoni internazzjonali b'saħħitha. Is-sħab internazzjonali, il-gvernijiet u ċ-ċittadini tagħhom se jkunu riċevituri tal-firxa ta' servizzi tal-Programm b'benefiċċji dovuti għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma' dawn is-sħab. Għal kwistjonijiet relatati mal-Programm, il-Kummissjoni tista' tikkoordina, f'isem l-Unjoni u fil-qasam ta' kompetenza tagħha, l-attivitajiet fix-xena internazzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni, fir-rigward tal-Programm, tiddefendi l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'fora internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-frekwenzi, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri f'dak il-qasam.
- (61) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kif ukoll il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi terzi oħra jistgħu

jithallex jipparteċipaw fil-Programm biss abbażi ta' ftehim li għandu jiġi konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.

- (62) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE⁴⁰, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi jew f'territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-oġġettivi tal-Programm u għal arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti.
- (63) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-adozzjoni tal-post taċ-ċentri li jappartjenu għall-infrastruttura governattiva terrestri, ir-rekwiżiti operazzjonali għas-servizzi governattivi, il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi, kif ukoll l-istabbiliment ta' rekwiżiti addizzjonali għall-parteeċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹.
- (64) Fil-prinċipju, is-servizzi governattivi jenħtieġ li jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-utenti tas-servizzi governattivi. Jekk, wara analiżi, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm nuqqas ta' kapaaċitajiet, jenħtieġ li jkun permess li tiġi żviluppata politika tal-ipprezzar bħala parti minn daww ir-regoli dettaljati dwar il-forniment tas-servizz sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta tali politika dwar l-ipprezzar. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (65) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni relatati mas-segment terrestri tal-infrastruttura governattiva. Għall-għażla ta' tali postijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis ir-rekwiżiti operazzjonali u tas-sigurtà, kif ukoll l-infrastruttura eżistenti. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (66) Fl-interess ta' governanza pubblika tajba u minħabba s-sinerġiji bejn dan il-Programm u l-Programm Spazjali tal-Unjoni, u b'mod partikolari biex jiġu żgurati sinerġiji xierqa mal-komponent GOVSATCOM, il-kumitat tal-Programm stabbilit fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696 fil-konfigurazzjoni ta' GOVSATCOM jenħtieġ li jservi wkoll bħala l-kumitat għall-finijiet ta' dan il-Programm. Għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-Programm, il-kumitat tal-Programm jenħtieġ li jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika ta' sigurtà.
- (67) Peress li l-governanza pubblika tajba tirrikjedi ġestjoni uniformi tal-Programm, teħid aktar rapidu tad-deċiżjonijiet u aċċess ugwali għall-informazzjoni, ir-rappreżentanti tal-entitajiet fdati b'kompiti relatati mal-Programm jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tal-kumitat tal-Programm stabbilit bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Għall-istess raġunijiet, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni, relatat mal-Programm, jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-kumitat tal-

⁴⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Programm, soġġett għall-obbligi ta' sigurtà u kif previst fit-termini ta' tali ftehim. Ir-rappreżentanti ta' entitajiet fdati b'kompiti relatati mal-Programm, ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jenħtieġ li ma jkunux intitolati jieħdu sehem fil-proċeduri ta' votazzjoni tal-kumitat tal-Programm. Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' osservaturi u parteċipanti *ad hoc* jenħtieġ li jkunu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-kumitat tal-Programm.

- (68) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴², jenħtieġ li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm. L-evalwazzjoni ta' dan il-Programm jenħtieġ li tqis is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni li jappartjenu għall-komponent GOVSATCOM imwettaq fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696.
- (69) Sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza kontinwa tal-indikaturi biex jirrapportaw dwar il-progress tal-Programm, kif ukoll il-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi, kif ukoll biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, li jista' jqis, *inter alia*, l-adozzjoni u l-impatti tal-utent finali fuq is-suq intern. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (70) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll massimu fuq ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Programm. Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita minn kumitat tal-Programm li jiltaqa' f'konfigurazzjoni ta' sigurtà ddedikata. Minħabba s-sensittività ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li l-President tal-kumitat tal-Programm jagħmel ħiltu biex isib soluzzjonijiet li jkunu jgawdu l-akbar appoġġ possibbli fi ħdan il-kumitat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li ma tadottax atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali tal-Programm f'każijiet fejn il-kumitat tal-Programm ma jagħti l-ebda opinjoni.
- (71) Ladarba l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li jmorru lil hinn mill-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi ta' kwalunkwe Stat Membru uniku, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri f'konformità mal-

⁴² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dak l-oġettiv jintlaħaq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura ("il-Programm"). Huwa jistabbilixxi l-oġettivi tal-Programm, u r-regoli dwar l-attivitajiet tal-Programm, l-infrastruttura u s-servizzi tal-Programm, il-parteċipanti tal-Programm, il-baġit għall-perjodu 2023-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment ta' tali finanzjament, kif ukoll ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Programm.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Infrastruttura kritika" tfisser assi, sistema jew parti minnhom li jinsabu fl-Istati Membri, li huma essenzjali għaż-żamma tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sigurtà, is-sikurezza, il-benesseri ekonomiku jew soċjali tan-nies, u t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollu impatt sinifikanti fi Stat Membru bħala riżultat tan-nuqqas li jinżammu dawn il-funzjonijiet;
- (2) "Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI)" tfisser infrastruttura interkonnessa spazjali u terrestri li tappartjeni għall-infrastruttura tal-Programm bl-użu ta' teknoloġija bbażata fuq il-kwantum biex tiġi żgurata d-distribuzzjoni ta' kġavi kriptografiċi;
- (3) "Ċentru ta' GOVSATCOM" għandu jkollha t-tifsira definita fl-Artikolu 2(23) tar-Regolament (UE) 2021/696;
- (4) "Utent ta' GOVSATCOM" għandu jkollha t-tifsira definita fl-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE) 2021/696;
- (5) "Infrastruttura" tfisser assi, sistema jew parti minnhom, li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi pprovduti mill-Programm;
- (6) "Industrija ta' Spazju Ġdid" tfisser kumpaniji privati, intrapriżi żgħar u medji u negozji ġodda li jiżviluppaw teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali ġodda;
- (7) "Tagħbija utli" tfisser tagħmir li jinġarr minn ingenu spazjali għat-twetliq ta' missjoni partikolari fl-ispace;
- (8) "Sistema ta' konnettività sigura" tfisser is-sistema żviluppata f'konformità ma' dan ir-Regolament li tinkludi l-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 5 u li tipprovi s-servizzi msemmija fl-Artikolu 7;
- (9) "L-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696.

Artikolu 3

Objettivi tal-programm

1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jistabbilixxi sistema ta' konnettività sigura u awtonoma bbażata fuq l-ispazju għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita garantiti u reżiljenti, b'mod partikolari biex:
 - (a) tiġi żgurata d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu siguri u kosteffettivi għall-utenti governattivi f'konformità mal-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 7, li jappoġġa l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, l-ambjent, is-sigurtà u d-difiża, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-Istati Membri;
 - (b) ikun permess il-forniment ta' servizzi kummerċjali mis-settur privat f'konformità mal-Artikolu 7(4).
2. Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) itejjeb ir-reżiljenza tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni billi jiżviluppa, jibni u jopera infrastruttura ta' konnettività multi-orbitali, adattata kontinwament għall-evoluzzjoni tad-domanda għall-komunikazzjonijiet bis-satellita, filwaqt li jqis l-assi eżistenti u futuri tal-Istati Membri li jintużaw fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696⁴³;
 - (b) jikkontribwixxi għar-reżiljenza ċibernetika permezz ta' difiża proattiva u reattiva kontra t-theddid ċibernetiku u elettromanjetiku u ċ-ċibersigurtà operazzjonali, u jintegra s-segment spazjali u s-segment terrestri relatat tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika biex jippermetti trażmissjoni sigura ta' kġavi kriptografiċi;
 - (c) itejjeb u jespandi l-kapaċitajiet u s-servizzi ta' komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni;
 - (d) jinċentiva l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela, b'mod partikolari billi jingrana l-industrija ta' Spazju Ġdid; u
 - (e) jippermetti l-iżvilupp ulterjuri ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel madwar l-Unjoni, filwaqt li jneħħi ż-żoni mingħajr konnessjoni u jżid il-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, u jippermetti konnettività fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni.

Artikolu 4

Attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-Programm

1. Il-forniment tas-servizzi governattivi msemmija fl-Artikolu 7(1) għandu jiġi żgurat permezz tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet li ġejjin:

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (a) l-attivitajiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni, li jinkludu l-konstruzzjoni u t-tnedija tal-infrastruttura spazjali u terrestri inizjali meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi governattivi;
 - (b) l-iżvilupp u l-integrazzjoni tas-segment spazjali u tas-segment terrestri relatati tal-Infrastruttura Ewropea tal-Komunikazzjoni Kwantistika fl-infrastruttura spazjali u terrestri tas-sistema ta' konnettività sigura
 - (c) attivitajiet ta' implimentazzjoni biex titlesta l-infrastruttura spazjali u terrestri meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi governattivi;
 - (d) attivitajiet ta' sfruttament għall-forniment ta' servizzi governattivi, li jinkludu:
 - (i) l-operat, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali u dik terrestri, inklużi r-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tal-obsollexenza.
 - (e) l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tal-infrastruttura spazjali u dik terrestri u l-evoluzzjoni tas-servizzi governattivi.
2. L-attivitajiet ta' sfruttament imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d), għandhom jibdew progressivament bil-forniment ta' sett preliminari ta' servizzi sal-2024. Dawn is-servizzi bikrija għandhom jittejjbu permezz tal-implimentazzjoni gradwali tal-infrastruttura spazjali u dik terrestri li twassal għal kapaċità operazzjonali sħiħa mmirata sal-2027.
 3. L-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 għandhom jiġu pprovduti matul id-durata kollha tal-Programm.

Artikolu 5

Infrastruttura tas-sistema ta' konnettività sigura

1. L-infrastruttura tas-sistema ta' konnettività sigura għandha tikkonsisti f'infrastruttura governattiva u kummerċjali kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3 rispettivament.
2. L-infrastruttura governattiva tas-sistema ta' konnettività sigura għandha tinkludi l-assi terrestri u spazjali kollha relatati li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizzi governattivi, kif stabbilit fl-Artikolu 7(1), inklużi l-assi li ġejjin:
 - (a) satelliti jew subkomponenti satellitari;
 - (b) subkomponenti spazjali u terrestri li jiżguraw id-distribuzzjoni ta' kġavi kriptografiċi;
 - (c) infrastruttura għall-monitoraġġ tas-sigurtà tal-infrastruttura u s-servizzi tal-Programm;
 - (d) infrastruttura għall-forniment tas-servizzi lill-utenti governattivi;
 - (e) infrastruttura tas-segment terrestri ta' GOVSATCOM kif stabbilita fl-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2021/696, inklużi ċ-Ċentri ta' GOVSATCOM.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dritt tal-użu tal-frekwenzi meħtieġa għat-trażmissjoni tas-sinjali ġġenerati mill-assi terrestri u spazjali tal-infrastruttura governattiva għandu jkun parti mill-infrastruttura governattiva.

L-infrastruttura governattiva għandha tappoġġa tagħbijiet utli addizzjonali li jistgħu jintużaw bħala parti mill-infrastruttura bbażata fuq l-ispazju tal-komponenti tal-

Programm Spazjali tal-Unjoni elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/696 skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

3. Fejn meħtieġ il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-post taċ-ċentri li jappartjenu għall-infrastruttura governattiva terrestri, ħlief iċ-Ċentri ta' GOVSATCOM, f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà, wara proċess miftuħ u trasparenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2) ta' dan ir-Regolament. Il-post taċ-Ċentri ta' GOVSATCOM għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 67(2) tar-regolament (UE) 2021/696.

Għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, iċ-ċentri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu, fejn possibbli, jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri u regolati minn ftehim ta' akkoljenza li jieħu l-għamla ta' ftehim amministrattiv bejn l-Unjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

Fejn ma jkunx possibbli li ċ-ċentru jkun jinsab fit-territorju tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-post ta' tali ċentru fit-territorju ta' pajjiż terz, soġġett għal ftehim ta' akkoljenza bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.

4. L-infrastruttura kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-assi spazjali u terrestri kollha għajr dawk li huma parti mill-infrastruttura governattiva. L-infrastruttura kummerċjali għandha tiġi ffinanzjata kompletament mill-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2).
5. Sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni, l-assi spazjali tas-sistema ta' konnettività sigura għandhom jiġu mnedija minn fornitur tas-servizzi ta' varar tal-inġenji spazjali li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19 u, fejn possibbli, mit-territorju tal-Istati Membri.

Artikolu 6

Azzjonijiet b'appoġġ għal settur spazjali tal-Unjoni innovattiv u kompetittiv

1. Il-Programm għandu jappoġġa settur spazjali tal-Unjoni innovattiv u kompetittiv u jstimula l-industrija ta' Spazju Ġdid fl-Unjoni, u b'mod partikolari l-inizjattivi u l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/696, inkluż, fejn xieraq, l-appoġġ tas-servizzi kummerċjali.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, billi tiegħu l-miżuri li ġejjin:
 - (a) tistabbilixxi kriterji għall-għoti tal-kuntratti msemmi fl-Artikolu 15 li jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u ta' intrapriżi żgħir u medji (SMEs) minn madwar l-Unjoni u tul il-katina tal-valur rilevanti kollha;
 - (b) tirrikjedi li l-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2) jipprovdi pjan dwar l-integrazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs minn madwar l-Unjoni fl-attivitajiet taħt il-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15;
 - (c) tirrikjedi, permezz tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15, li negozji ġodda u SMEs ikunu jistgħu jipprovdu servizzi proprji lill-utenti finali;
 - (d) tippromwovi parteċipazzjoni aktar b'saħħitha tal-innovaturi nisa u tistabbilixxi għanijiet ta' ugwaljanza u inklużjoni fid-dokument tal-offerta.

Kapitolu II Servizzi

Artikolu 7

Definizzjoni tal-Portafoll tas-servizzi

1. Il-forniment ta' servizzi governattivi għandu jiġi żgurat kif stabbilit fil-portafoll tas-servizzi msemmi fil-paragrafu 3 u f'konformità mar-rekwiżiti operazzjonali stabbiliti fil-paragrafu 2.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti operazzjonali għal servizzi governattivi, fl-għamla ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-każijiet ta' użu relatati b'mod partikolari mal-ġestjoni tal-kriżijiet, mas-sorveljanza u mal-ġestjoni tal-infrastruttura ewlenija, inkluż in-netwerks tal-komunikazzjoni diplomatika. Dawn ir-rekwiżiti operazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti tal-utenti tal-Programm, għandhom iqisu r-rekwiżiti li jirriżultaw minn tagħmir u networks tal-utenti eżistenti u r-rekwiżiti operazzjonali għal servizzi ta' GOVSATCOM skont l-Artikolu 63(2) tar-Regolament dwar il-Programm Spazjali. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-portafoll tas-servizzi għal servizzi governattivi fl-għamla ta' lista ta' servizzi u l-attributi tagħhom, inkluż il-kopertura ġeografika, il-frekwenza, il-wisa' tal-banda, it-tagħmir tal-utenti, u l-karatteristiċi tas-sigurtà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti operazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u r-rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli msemmija fl-Artikolu 27(2). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).
4. Il-forniment ta' servizzi kummerċjali għandu jiġi ffinanzjat mill-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). It-termini u l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi kummerċjali għandhom jiġu ddeterminati fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15. Huma għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari kif il-Kummissjoni se tivvaluta u tapprova l-forniment ta' servizzi kummerċjali biex tiżgura li l-interessi essenzjali tal-Unjoni u l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3 jiġu ppreservati. Huma għandhom jinkludu wkoll salvagwardji adegwati biex jipprevjenu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi kummerċjali, biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn u kwalunkwe vantaġġ indirett mhobbi ieħor għall-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2). Tali salvagwardji jistgħu jinkludu l-obbligu ta' separazzjoni tal-kontabilità bejn il-forniment ta' servizzi governattivi u l-forniment ta' servizzi kummerċjali, inkluż l-istabbiliment ta' entità strutturalment u legalment separata mill-operatur integrat vertikalmment għall-forniment ta' servizzi governattivi, u l-forniment ta' aċċess miftuħ, ġust u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura meħtieġ għall-forniment ta' servizzi kummerċjali.

Artikolu 8

Servizzi governattivi

1. Is-servizzi governattivi għandhom jiġu pprovduti lill-parteċipanti tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 9(1), (2) u (3).
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-forniment ta' servizzi governattivi filwaqt li tqis l-Artikolu 66 tar-Regolament dwar il-Programm Spazjali u d-domanda mistennija għall-każijiet differenti ta' użu, l-allokazzjoni dinamika tar-riżorsi u l-prijoritizzazzjoni tas-servizzi governattivi skont ir-rilevanza u l-kritikalità tal-ħtiġijiet tal-utenti u, fejn xieraq, il-kosteffiċjenza.
3. L-aċċess għas-servizzi governattivi għandu jkun mingħajr ħlas għall-utenti tiegħu.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista', f'każijiet debitament ġustifikati u fuq bażi eċċezzjonali, tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, politika dwar l-ipprezzar.
 Bid-determinazzjoni ta' din il-politika tal-ipprezzar, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-forniment tas-servizzi governattivi ma jfikkilx il-kompetizzjoni, li ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' servizzi governattivi u li l-prezz identifikat ma jirriżultax f'kampens żejjed lill-benefiċjarju.
5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).
6. Il-forniment ta' servizzi governattivi bejn l-utenti awtorizzati mill-istess parteċipant fil-Programm għandu jiġi ddeterminat u implimentat minn dak il-parteċipant tal-Programm.

Artikolu 9

Parteċipanti u awtoritajiet kompetenti tal-Programm

1. L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandhom ikunu l-parteċipanti tal-Programm sa tali punt fejn jawtorizzaw lill-utenti tas-servizzi governattivi.
2. L-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jsiru parteċipanti tal-Programm sa fejn ikun meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom u f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti f'arranġament amministrattiv konkluż bejn l-aġenzija kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Unjoni li tissorvelja.
3. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti tal-Programm f'konformità mal-Artikolu 36.
4. Kull parteċipant tal-Programm għandu jaħtar awtorità waħda Kompetenti għall-Konnettività Sigura.

Dan ir-rekwiżit għandu jitqies li jkun hemm konformità miegħu mill-parteċipanti tal-Programm, jekk jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) ikunu wkoll parteċipanti ta' GOVSATCOM imsemmi fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/696; u
 - (b) ikunu ħatru awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 68(4) tar-Regolament 2021/696.
5. Awtorità Kompetenti għall-Konnettività Sigura msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiżgura li:

- (a) l-użu tas-servizzi jkun f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli;
- (b) id-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi governattivi jiġu ddeterminati u ġestiti;
- (c) it-tagħmir tal-utent meħtieġ għall-użu tas-servizzi governattivi u l-konnessjonijiet u l-informazzjoni ta' komunikazzjoni elettronika assoċjati jintużaw u jiġu ġestiti f'konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli;
- (d) ikun stabbilit punt ċentrali ta' kuntatt biex jassisti kif ikun meħtieġ fir-rapportar tar-riskji u tat-theddid għas-sigurtà, b'mod partikolari fis-sejbien ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li taffettwa s-servizzi taħt il-Programm.

Artikolu 10

Utenti tas-servizzi governattivi

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati bħala utenti tas-servizzi governattivi:
 - (a) awtorità pubblika jew korp tal-Unjoni jew ta' Stat Membru fdati bl-eżerċizzju ta' tali awtorità pubblika;
 - (b) persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.
2. L-utenti tas-servizzi governattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu awtorizzati kif xieraq mill-parteċipanti tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 9 biex jużaw is-servizzi governattivi u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sigurtà ġenerali msemmija fl-Artikolu 27(2).

Kapitolu III

Kontribuzzjoni u mekkaniżmi baġitarji

Artikolu 11

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 u biex ikopri r-riskji assoċjati, għandu jkun ta' EUR 1 600 biljun bil-prezzijiet attwali.
Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont mill-QFP 2021-27 għandha tkun kif ġej:
 - EUR 950 miljun mill-Intestatura 1;
 - EUR 500 miljun mill-Intestatura 5;
 - EUR 150 miljun mill-Intestatura 6.
2. Il-Programm għandu jiġi kkomplementat b'finanzjament implimentat taħt il-Programm Orizzont Ewropa, il-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) għal ammont indikattiv massimu ta' EUR 0,430 biljun, EUR 0,220 biljun u EUR 0,150 biljun rispettivament. Dan il-finanzjament għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/695, ir-Regolament (UE) Nru 2021/696 u r-Regolament (UE) Nru 2021/947 rispettivament.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża biex ikopri l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3. Tali nefqa tista' tkopri wkoll:
 - (a) l-istudji u l-laqgħat tal-esperti, b'mod partikolari l-konformità mal-limiti tal-kost u tal-ħin tagħhom;
 - (b) l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fejn dawn ikunu marbuta direttament mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jinħolqu sinerġiji ma' politiki oħra tal-Unjoni;
 - (c) in-networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jkollhom il-funzjoni li jipproċessaw jew li jiskambjaw l-informazzjoni, u l-miżuri dwar il-ġestjoni amministrattiva implimentata mill-Kummissjoni, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, li jkunu implimentati mill-Kummissjoni;
 - (d) assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, pereżempju attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.
4. L-impenji baġitarji għal attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti annwali.

Artikolu 12

Finanzjament kumulattiv u alternattiv

Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni, inkluż fondi taħt ġestjoni kondiviża, tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni taħt il-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm tal-Unjoni rilevanti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet totali eliġibbli tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *prorata* f'konformità mad-dokumenti li jistipulaw il-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Artikolu 13

Kontribuzzjonijiet għall-Programm

1. Il-Programm jista' jirċievi kontribuzzjonijiet finanzjarji jew kontribuzzjonijiet *in natura* addizzjonali minn:
 - (a) Aġenziji u korpi tal-Unjoni;
 - (b) Stati Membri;
 - (c) Pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-programm;
 - (d) L-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'konformità mal-ftehimiet rilevanti.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u d-dħul skont l-Artikolu 8(4) għandhom jiġu ttrattati bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-“Regolament Finanzjarju”).

Artikolu 14

Implimentazzjoni u għamliet ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew taħt ġestjoni indiretta ma' korpi msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-għamliet stipulati fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premijiet u akkwist. Huwa jista' jipprovdi wkoll finanzjament fl-għamla ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit.

Kapitolu IV Implimentazzjoni tal-Programm

Artikolu 15

Mudell ta' implimentazzjoni

1. L-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati permezz ta' kuntratti mogħtija f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prinċipji tal-akkwist skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet, l-iskema finanzjarja u l-allokazzjoni tar-riskji bejn l-Unjoni u l-kuntrattur għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu stabbiliti f'kuntratti, li jistgħu jieħdu l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni, kuntratt ta' provvista, servizz jew xogħlijiet, jew kuntratt imħallat, filwaqt li jitqies ir-reġim tassjieda skont l-Artikolu 16 u l-finanzjament tal-Programm skont il-Kapitolu III.
3. Il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu akkwistati taħt ġestjoni diretta u indiretta u jistgħu jieħdu l-għamla ta' akkwist interistituzzjonali msemmi fl-Artikolu 165(1) tar-Regolament Finanzjarju, bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija, fejn il-Kummissjoni għandha tassumi r-rwol ta' awtorità kontraenti ewlenija.
4. Jekk il-proċedura ta' akkwist imsemmija fil-paragrafu 2 tiegħu l-għamla ta' kuntratt ta' konċessjoni u tali proċedura twassal għan-nuqqas ta' konklużjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni, il-Kummissjoni għandha tirristruttura l-akkwist u timplimenta kuntratt ta' provvista, servizz jew xogħlijiet, kif xieraq għal implimentazzjoni ottimali tal-Programm.
5. Fejn xieraq, il-proċeduri ta' akkwist għall-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jieħdu wkoll l-għamla ta' akkwisti konġunti mal-Istati Membri, skont l-Artikolu 165(2) tar-Regolament Finanzjarju.
6. Il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu salvagwardji adegwati biex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed lill-kuntrattur, distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, kwalunkwe kunflitt ta' interess, diskriminazzjoni bla bżonn u kwalunkwe vantaġġ indirett moħbi ieħor. F'konformità mal-Artikolu 7(4), dawn għandu jkun fihom dispożizzjonijiet dwar il-proċess ta' valutazzjoni u approvazzjoni tas-servizzi kummerċjali pprovduti mill-kuntrattur, biex jiġi żgurat li l-interess essenzjali tal-Unjoni u l-oġettivi tal-Programm jiġu ppreservati.
7. Il-kuntratti msemmija f'dan l-Artikolu għandu jkun fihom dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' skema biex tikkompensa l-emissjonijiet tas-CO₂ iġġenerati mill-varar tal-infrastruttura msemmija fl-Artikolu 5.

Artikolu 16

Sjieda u użu tal-assi

1. L-Unjoni għandha tkun is-sid tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha stabbiliti fl-Artikolu 5, li jiffurmaw parti mill-infrastruttura governattiva. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti marbuta mal-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien jew fl-iżvilupp ta' tali assi jkun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sjieda tal-Unjoni ta' dawk l-assi.
B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Unjoni jkollha d-drittijiet li ġejjin:
 - (a) id-dritt tal-użu tal-frekwenzi meħtieġa għat-trażmissjoni tas-sinjali ġġenerati mill-Programm, f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-ftehimiet ta' liċenzjar rilevanti applikabbli u l-filings ipprovduti mill-Istati Membri li jibqgħu l-proprjetà tagħhom;
 - (b) id-dritt li tingħata prijorità lill-forniment tas-servizzi governattivi fuq is-servizzi kummerċjali, skont it-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15 u b'kunsiderazzjoni tal-utenti tas-servizzi governattivi msemmija fl-Artikolu 10(1).
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tfittex li tikkonkludi kuntratti, ftehimiet jew arranġamenti oħra ma' partijiet terzi fir-rigward ta':
 - (a) drittijiet ta' sjieda preeżistenti fir-rigward ta' assi tanġibbli u intanġibbli li jiffurmaw parti mill-infrastruttura tal-Programm;
 - (b) l-akkwist tas-sjieda jew tad-drittijiet tal-liċenzja fir-rigward ta' assi oħra tanġibbli jew intanġibbli meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm.
3. Fejn l-assi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jikkonsistu minn drittijiet tal-proprjetà intellettuali, il-Kummissjoni għandha timmaniġġa dawk id-drittijiet bl-aktar mod effettiv possibbli, filwaqt li tqis:
 - (a) il-ħtieġa li ttiproteġi l-assi u li tagħtihom valur;
 - (b) l-interessi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati kollha;
 - (c) il-ħtieġa li jiġu żgurati swieq kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb u li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda;
 - (d) il-ħtieġa għall-kontinwità tas-servizzi pprovduti mill-Programm.
4. Il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tiżgura li l-kuntratti, il-ftehimiet u arranġamenti oħra rilevanti jinkludu l-possibbiltà ta' trasferiment ta' dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali lil partijiet terzi, jew il-possibbiltà ta' għoti ta' liċenzji ta' partijiet terzi għal dawk id-drittijiet, inkluż lill-kreatur tal-proprjetà intellettuali, u li tali partijiet terzi jkunu jistgħu jgawdu dawk id-drittijiet liberament meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Prinċipji tal-akkwist

1. L-akkwist taħt il-Programm għandu jitwettaq f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

2. Fi proċeduri ta' akkwist għall-finijiet tal-Programm, li jikkumplementaw il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, l-awtorità kontraenti għandha taġixxi f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:
- (a) li tippromwovi fl-Istati Membri kollha madwar l-Unjoni u tul il-katina tal-provvista kollha, l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa u miftuħa possibbli mill-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari negozji ġodda, parteċipanti ġodda u SMEs, inkluż fil-każ ta' sottokuntrattar mill-offerenti;
 - (b) li tiżgura kompetizzjoni effettiva fil-proċess tal-offerti, filwaqt li tqis l-oġettivi tal-indipendenza teknoloġika u l-kontinwità tas-servizzi;
 - (c) li ssegwi l-prinċipji tal-aċċess miftuħ u tal-kompetizzjoni, permezz tas-sejthiet għall-offerti abbażi tal-forniment ta' informazzjoni trasparenti u f'waqtha, il-komunikazzjoni ċara tar-regoli u l-proċeduri applikabbli dwar l-akkwist, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti li tippermetti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-offerenti potenzjali kollha;
 - (d) li tipproteġi s-sigurtà u l-interess pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż permezz ta' tisħiħ tal-awtonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini teknoloġiċi;
 - (e) li tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-infrastruttura ewlenija tal-Programm u li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-interess essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;
 - (f) b'deroga mill-Artikolu 167 tar-Regolament Finanzjarju, li tuża, kull fejn ikun xieraq, diversi sorsi ta' provvista sabiex jiġi żgurat kontroll ġenerali aħjar tal-komponenti kollha tal-Programm, tal-kost tagħhom u tal-iskeda tagħhom;
 - (g) li tippromwovi l-kontinwità u l-affidabbiltà tas-servizz;
 - (h) li tissodisfa l-kriterji ambjentali;
 - (i) li tiżgura l-promozzjoni effettiva ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u tad-dimensjoni tal-ġeneru u għandu jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi tal-iżbilanċ bejn il-ġeneri. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet ta' evalwazzjoni.

Artikolu 18

Sottokuntrattar

1. Sabiex thegġegħ lill-entranti ġodda, lill-SMEs u lin-negozji ġodda u l-partiċipazzjoni transfruntiera tagħhom, u biex toffri l-aktar kopertura ġeografika wiesgħa possibbli filwaqt li tħares l-awtonomija tal-Unjoni, l-awtorità kontraenti għandha titlob li l-offerent jissottokuntratta parti mill-kuntratt permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva fil-livelli xierqa ta' sottokuntrattar lil kumpaniji oħra għajr dawk li jiffurmaw parti mill-grupp tal-offerent.
2. L-offerent għandu jiġġustifika kwalunkwe deroga minn talba magħmula skont il-paragrafu 1.

Artikolu 19

Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preservazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni

Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti mwettqa fl-implimentazzjoni tal-Programm, fejn meħtieġ u xieraq biex jiġu ppreservati s-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/696, filwaqt li jitqies l-oġettiv li tiġi promossa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' teknoloġija fost it-teknoloġiji ewlenin u l-ktajjen tal-valur, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa.

Artikolu 20

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jitwettqu investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Kapitolu V

Governanza tal-Programm

Artikolu 21

Prinċipji ta' governanza

Il-governanza tal-Programm għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

- (a) distribuzzjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet bejn l-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm
- (b) ir-rilevanza tal-istruttura ta' governanza għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Programm u tal-miżuri, kif xieraq;
- (c) kontroll b'saħħtu tal-Programm, inkluża aderenza stretta mal-kost, mal-iskeda u mal-prestazzjoni mill-entitajiet kollha, fi ħdan ir-rwoli u l-kompiti rispettivi tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- (d) ġestjoni trasparenti u kosteffiċjenti;
- (e) kontinwità tas-servizz u kontinwità tal-infrastruttura meħtieġa, inkluż protezzjoni minn theddidiet rilevanti;
- (f) kunsiderazzjoni sistematika u strutturata tal-ħtiġijiet tal-utenti tad-*data*, tal-informazzjoni u tas-servizzi pprovduti mill-Programm, kif ukoll tal-evoluzzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi relatati;
- (g) sforzi kostanti biex jiġu kkontrollati u jitnaqqsu r-riskji.

Artikolu 22

Rwol tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu bil-kompetenza teknika, bl-għarfien espert u bl-assistenza tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà, jew, fejn xieraq u possibbli, billi jagħmlu disponibbli għall-Unjoni d-*data*, l-informazzjoni, is-servizzi u l-infrastruttura fil-pussess tagħhom jew li jinsabu fit-territorju tagħhom.
2. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza u l-komplementarjetà tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ u tal-Programm.
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-funzjonament tal-Programm ikun bla xkiel, inkluż billi jgħinu fil-protezzjoni, fil-livell adegwat, tal-frekwenzi meħtieġa għall-Programm.
4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jikkooperaw biex iwessgħu l-adozzjoni tas-servizzi pprovduti mill-Programm.
5. Fil-qasam tas-sigurtà, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/696.
6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom għas-servizzi governattivi.

Artikolu 23

Rwol tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali. F'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-prijoritajiet u l-evoluzzjoni tal-Programm, skont ir-rekwiżiti tal-utent, u għandha twettaq is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tiegħu, mingħajr preġudizzju għal politiki oħra tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm diviżjoni ċara tal-kompiti u r-responsabbiltajiet bejn id-diversi entitajiet involuti fil-Programm u għandha tikkordina l-attivitajiet ta' dawk l-entitajiet. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-entitajiet fdati kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm jipproteġu l-interess tal-Unjoni, jiggarrantixxu l-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni u jikkonformaw mar-Regolament Finanzjarju u ma' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha takkwista, tagħti u tiffirma l-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
4. Il-Kummissjoni tista' tiddelega kompiti li jikkonċernaw il-Programm lill-Aġenzija u lill-ESA taħt ġestjoni indiretta, f'konformità mar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom kif stabbilit skont l-Artikoli 24 u 25. Sabiex tiffaċilita l-ilħuq tal-oġettivi skont l-Artikolu 3 u tippromwovi l-aktar kooperazzjoni effiċjenti bejn it-tliet

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

entitajiet, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' kull entità.

5. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2), tal-Aġenzija jew tal-entitajiet inkarigati oħrajn, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-adozzjoni u l-użu tas-servizzi pprovduti mill-Programm jiġu promossi u massimizzati. Hija għandha tiżgura l-komplementarjetà, il-konsistenza, is-sinerġiji u r-rabtiet bejn il-Programm u azzjonijiet u programmi oħra tal-Unjoni.
6. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza tal-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm mal-attivitajiet li jsiru fil-qasam spazjali fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali. Hija għandha thegħgeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, fejn ikun rilevanti għall-Programm, tiffaċilita l-konverġenza tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħhom u l-iżviluppi fil-qasam spazjali.
7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat tal-Programm imsemmi fl-Artikolu 42(1) dwar ir-riżultati intermedji u finali tal-evalwazzjoni ta' kwalunkwe proċedura ta' akkwist, u dwar kwalunkwe kuntratt, inkluż sottokuntratti, ma' entitajiet pubbliċi u privati.

Artikolu 24

Rwol tal-Aġenzija

1. Il-kompitu proprju tal-Aġenzija għandu jkun li tiżgura, permezz tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tagħha, l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura governattiva u tas-servizzi governattivi f'konformità mal-Kapitolu II tat-Titolu V tar-Regolament (UE) 2021/696.
2. Il-Kummissjoni tista' tiddelega, permezz ta' ftehim ta' kontribuzzjoni wieħed jew aktar, il-kompiti li ġejjin lill-Aġenzija:
 - (a) l-operat tal-infrastruttura governattiva tal-Programm;
 - (b) is-sigurtà operazzjonali tal-infrastruttura governattiva, inklużi l-analiżi tar-riskju u tat-theddid, il-monitoraġġ tas-sigurtà, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri operazzjonali, u l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 27(2).
 - (c) il-forniment tas-servizzi governattivi;
 - (d) il-ġestjoni tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15, wara l-għoti u l-iffirmar tagħhom;
 - (e) il-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utenti tas-servizzi governattivi f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mas-SEAE u ma' entitajiet oħra;
 - (f) it-tweqqif ta' attivitajiet relatati mal-użu mill-utenti ta' servizzi offruti mill-Programm mingħajr ma jiġu affettwati l-attivitajiet imwettqa mill-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2) taħt kuntratti msemmija fl-Artikolu 15.
3. B'deroga mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju u soġġett għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni, l-Aġenzija tista' tiddelega, permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, attivitajiet speċifiċi lil entitajiet oħra, fl-oqsma tal-kompetenza rispettiva tagħhom, bil-kundizzjonijiet ta' ġestjoni indiretta li japplikaw għall-Kummissjoni.

4. Meta attivitajiet jiġu fdati lill-Aġenzija, għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji, umani u amministrattivi xierqa għall-implimentazzjoni tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' talloka parti mill-baġit għall-attivitajiet fdati lill-Aġenzija għall-finanzjament tar-riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 25

Rwol tal-ESA

1. Sakemm l-interess tal-Unjoni jkun protett, l-ESA tista', fil-qasam tal-għarfien espert tagħha, tiġi fdata bil-kompiti li ġejjin:
- (a) is-supervizzjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1), imwettqa fil-qafas tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15, filwaqt li tiżgura l-koordinazzjoni bejn il-kompiti u l-baġit fdati lill-ESA skont dan l-artikolu u r-riżorsi proprji possibbli tal-ESA magħmula disponibbli għall-Programm jew għall-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2) skont it-termini u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 23(4);
 - (b) l-għoti ta' għarfien espert tekniku lill-Kummissjoni; inkluż għat-tħejjija tal-aspetti tekniċi tal-Programm;
 - (c) l-appoġġ għall-evalwazzjoni tal-kuntratti skont l-Artikolu 15.
2. Fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, l-ESA tista' tiġi fdata b'kompiti oħra bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-Programm, b'mod partikolari relatati mas-segment spazjali u mas-segment terrestri relatat tal-Infrastruttura Ewropea tal-Komunikazzjoni Kwantistika, dment li daww il-kompiti ma jidduplikawx l-attivitajiet imwettqa minn entità oħra fil-kuntest tal-Programm u li jkollhom l-għan li jtejjbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Programm.

Kapitolu VI

Sigurtà tal-Programm

Artikolu 26

Prinċipji ġenerali tas-sigurtà

L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għal dan il-Programm.

Artikolu 27

Governanza tas-sigurtà

1. Il-Kummissjoni, fil-qasam ta' kompetenza tagħha u bl-appoġġ tal-Aġenzija, għandha tiżgura livell għoli ta' sigurtà rigward, b'mod partikolari:
- (a) il-protezzjoni tal-infrastruttura, kemm dik terrestri kif ukoll dik spazjali, u tal-forniment tas-servizzi, partikolarment kontra l-attakki fiżiċi jew ċibernetiċi, inkluża l-interferenza mal-flussi tad-data;
 - (b) il-kontroll u l-ġestjoni tat-trasferimenti tat-teknoloġija;

- (c) l-iżvilupp u l-konservazzjoni fl-Unjoni tal-kompetenzi u tal-għarfien espert miksuba;
 - (d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u ta' informazzjoni klassifikata.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li titwettaq analiżi tar-riskji u tat-theddid għall-infrastruttura governattiva msemmija fl-Artikolu 5(2). Abbażi ta' din l-analiżi, hija għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt ta' dawk ir-rekwiżiti fuq il-funzjonament bla xkiel tal-infrastruttura governattiva, b'mod partikolari f'termini ta' kost, ta' ġestjoni tar-riskji u ta' skeda, u għandha tiżgura li l-livell ġenerali tas-sigurtà ma jitnaqqasx, u li l-funzjonament tat-tagħmir ma jkunx ipperikolat u li r-riskji għaċ-ċibersigurtà jkunu meqjusa. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).
3. L-Artikolu 34(3) sa (7) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għal dan il-Programm. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva" u r-referenzi kollha għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftiehm bħala referenzi għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 28

Sigurtà tas-sistema u s-servizzi implimentati

Kull meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha tkun tista' tiġi affettwata mill-operat tas-sistema jew mill-forniment tas-servizzi governattivi, għandha tapplika d-Deċiżjoni (PESK) XXX.

Artikolu 29

Awtorità għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà stabbilit fi ħdan l-Aġenzija skont l-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jkun l-awtorità għall-akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-infrastruttura governattiva tal-Programm.

Artikolu 30

Prinċipji ġenerali tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà

L-attivitajiet ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà relatati mal-Programm għandhom jiġwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 37, tar-Regolament (UE) 2021/696. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva" u r-referenzi kollha għall-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftiehm bħala referenzi għall-Artikolu 27(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 31

Kompiti u kompożizzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. L-Artikolu 38, bl-eċċezzjoni tal-punti (c) sa (f) tal-paragrafu 2 u l-punt (b) tal-paragrafu 3, u l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom japplikaw għal dan il-Programm.
2. Minbarra l-paragrafu 1 u fuq bażi eċċezzjonali, ir-rappreżentanti tal-kuntrattur imsemmi fl-Artikolu 15(2) ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà bħala osservaturi għal kwistjonijiet relatati direttament ma' dak il-kuntrattur.

Artikolu 32

Regoli tal-votazzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

L-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika fir-rigward tar-regoli tal-votazzjoni tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà.

Artikolu 33

Komunikazzjoni u impatt tad-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà

1. L-Artikolu 41(1) sa (4) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għad-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "komponent" fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu jinqara bħala "infrastruttura governattiva".
2. L-iskeda għall-ħidma tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà ma għandhiex tfixxkel l-iskeda tal-attivitajiet ipprovduta fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 37(1).

Artikolu 34

Rwol tal-Istati Membri fl-akkreditazzjoni tas-sigurtà

L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għal dan il-Programm.

Artikolu 35

Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

1. L-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2021/696 għandu japplika għall-informazzjoni klassifikata relatata mal-Programm.
2. L-informazzjoni klassifikata ġġenerata mill-ESA fir-rigward tal-kompiti fdati skont l-Artikolu 25(1) u (2) għandha titqies bħala Informazzjoni Klassifikata tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444⁴⁵ u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE⁴⁶, maħluqa taħt l-awtorità tal-Kummissjoni.

⁴⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

⁴⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE, (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

Kapitolu VII

Relazzjonijiet internazzjonali

Artikolu 36

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm

1. F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku konkluż f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE li jkopri l-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), kif ukoll tal-pajjiżi terzi li ġejjin:
 - (a) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew fi ftehimiet simili, u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;
 - (b) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili, u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;
 - (c) pajjiżi terzi, għajr dawk il-pajjiżi terzi koperti fil-punti (a) u (b).
2. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità mal-ftehimiet konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE.
3. Il-ftehim speċifiku msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu:
 - (a) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz jew tal-organizzazzjoni internazzjonali parteċipanti fil-programmi tal-Unjoni;
 - (b) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom;
 - (c) ma jagħti l-ebda setgħa ta' teħid tad-deċiżjonijiet lill-pajjiż terz jew lill-organizzazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-Programm tal-Unjoni;
 - (d) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
 - (e) ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet eżistenti konklużi mill-Unjoni, b'mod partikolari b'referenza għad-dritt tal-użu tal-frekwenzi.
4. Mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3, u fl-interess tas-sigurtà, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Programm, sa fejn ikun kompatibbli mal-ftehimiet eżistenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni

għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

Artikolu 37

Aċċess għas-servizzi governattivi minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jista' jkollhom aċċess għas-servizzi governattivi dment li:

- (a) jikkonkludu ftehim, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-servizzi governattivi;
- (b) jikkonformaw mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2021/696.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-“Programm” fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2021/696 għandhom jinftehm bħala referenzi għall-“Programm” stabbilit minn dan ir-Regolament.

Kapitolu VIII

Programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

Artikolu 38

Programmazzjoni, monitoraġġ u rapportar

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi l-azzjonijiet u l-baġit assoċjat meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Programm u, fejn ikun applikabbli, l-ammont globali riżervat għal operazzjonijiet ta' taħlit. Il-programm ta' ħidma għandu jikkomplementa l-programm ta' ħidma għall-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) 2021/696.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

2. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm biex jintlaħqu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 43, li temenda l-Anness fir-rigward tal-indikaturi fejn jitqies li dan ikun meħtieġ, kif ukoll li tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
4. Fejn meħtieġ minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura prevista fl-Artikolu 44 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.
5. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.

Għal dan l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn ikun xieraq, fuq l-Istati Membri.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni xierqa. Id-*data* meħtieġa għall-verifika tal-prestazzjoni għandha tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.

Artikolu 39

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet f'waqthom tal-Programm sabiex jagħtu kontribut fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
2. Sa [DATA 3 SNIN WARA D-DĦUL FIS-SEĦĦ], u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-Programm. Hija għandha tivvaluta:
 - (a) il-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti taħt il-Programm;
 - (b) l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti tal-Programm.Jekk ikun xieraq, l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata bi proposta xierqa.
3. L-evalwazzjoni tal-Programm għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE) 2021/696.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.
5. L-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jipprovdu d-*data* u l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.
6. Sentejn wara l-kapaċità operazzjonali sħiħa, u kull sentejn wara dan, l-Aġenzija għandha toħroġ rapport tas-suq, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar l-impatt tal-Programm fuq l-industrija kummerċjali tas-satelliti tal-UE bil-għan li jiġi żgurat l-impatt minimu possibbli fuq il-kompetizzjoni u ż-żamma ta' inċentivi għall-innovazzjoni.

Artikolu 40

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew entitajiet, inkluż minn oħrajn għajr dawk imqabbla mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija globali skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 41

Protezzjoni tad-*data* personali u tal-privatezza

Id-*data* personali kollha li tintuża fil-kuntest tal-kompiti u tal-attivitajiet previsti f'dan ir-Regolament, inkluż mill-Aġenzija, għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dritt applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament

(UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷ u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸.

Kapitolu IX

Delega u miżuri ta' implimentazzjoni

Artikolu 42

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tal-Programm stabbilit mill-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2021/696, fil-konfigurazzjoni ta' GOVSATCOM. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
Għall-finijiet tal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 5(3) u 27(2) ta' dan ir-Regolament, il-kumitat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tas-sigurtà definita fil-punt (e) tal-Artikolu 107(1), tar-Regolament (UE) 2021/696.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta l-kumitat tal-Programm ma jagħti l-ebda opinjoni dwar l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 27(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 43

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 38 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 38 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁴⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 38 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 44

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Kapitolu X

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 45

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Dawk li jirċievu l-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-media u l-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, mal-azzjonijiet meħuda skont il-Programm u mar-riżultati miksuba.
3. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 46

Kontinwità tas-servizzi wara l-2027

Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji biex jintlaħqu l-oġġettivi previsti fl-Artikolu 3, biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet mhux ikkompletati sa tmiem il-Programm, kif ukoll spejjeż li jkopru attivitajiet operazzjonali kritiċi u l-forniment ta' servizzi.

Artikolu 47

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-politika spazjali tal-Unjoni

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁹

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jistabbilixxi sistema ta' konnettività sigura u awtonoma bbażata fuq l-ispazju għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita garantiti u reżiljenti, b'mod partikolari biex:

(a) tiġi żgurata d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess dinji mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu siguri u kosteffettivi għall-utenti governattivi, li jappoġġa l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza, l-azzjonijiet esterni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-applikazzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija, l-ambjent, is-sigurtà u d-difiża, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 7(1);

(b) ikun permess il-forniment ta' servizzi kummerċjali mis-settur privat f'konformità mal-Artikolu 7(2).

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma:

(a) itejjeb ir-reżiljenza tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni billi jiżviluppa, jibni u jopera infrastruttura ta' konnettività multi-orbitali, adattata kontinwament għall-evoluzzjoni tad-domanda għall-komunikazzjonijiet bis-satellita, filwaqt li jqis l-assi eżistenti u futuri tal-Istati Membri li jintużaw fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696;

(b) jikkontribwixxi għar-reżiljenza ċibernetika permezz ta' difiża proattiva u reattiva kontra t-theddid ċibernetiku u elettromanjetiku u ċ-ċibersigurtà operazzjonali, u jintegra s-segment spazjali u s-segment terrestri relatat tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika biex jippermetti trażmissjoni sigura ta' kġavi kriptografiċi;

⁴⁹

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- (c) jikkontribwixxi għar-reżiljenza ċibernetika permezz ta' difiża proattiva u reattiva kontra t-theddid ċibernetiku u elettromanjetiku u ċ-ċibersigurtà operazzjonali, u jintegra l-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika u l-infrastruttura spazjali biex jippermetti trażmissjoni sigura ta' kġavi kriptografiċi;
- (d) itejjeb u jespandi l-kapaċitajiet u s-servizzi ta' komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni;
- (e) jinċentiva l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela, b'mod partikolari billi jingrana l-industrija ta' Spazju Għdid; u
- (f) jippermetti l-iżvilupp ulterjuri ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel madwar l-Unjoni, filwaqt li jneħħi ż-żoni mingħajr konnessjoni u jżid il-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, u jippermetti konnettività fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jenħtieġ li jibbenefikaw minn soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita li jkunu reżiljenti, globali, garantiti u flessibbli, li jkopru l-ħtiġijiet tagħhom li qed jevolvu.

L-industrija tal-komunikazzjoni bis-satellita tal-UE tibbenefika mill-impenn fuq terminu twil u mill-akkreditazzjoni tas-sigurtà fil-livell tal-UE. Bl-UE bħala klijent ewlieni fuq terminu twil għas-servizzi governattivi, l-argument għall-vijabbiltà tal-industrija tal-komunikazzjoni bis-satellita jissaħħa u jiġi evitat ir-riskju għalihom li jkollhom aċċess aħjar għall-finanzi u fl-aħħar mill-aħħar ikunu aktar kompetittivi.

Iċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw direttament u indirettament mill-effettività operazzjonali mtejbja tad-diversi atturi tas-sigurtà.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Objettiv speċifiku 1: Itejjeb ir-reżiljenza tas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni billi jiżviluppa, jibni u jopera infrastruttura ta' konnettività multi-orbitali, adattata kontinwament għall-evoluzzjoni tad-domanda għall-komunikazzjonijiet bis-satellita, filwaqt li jqis l-assi eżistenti u futuri tal-Istati Membri li jintużaw fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696.

Indikatur 1: Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaċċessaw sett inizjali ta' servizzi governattivi fl-2025, b'kapaċità sħiħa fl-2027

Indikatur 2: Disponibbiltà tas-servizzi

Indikatur 3: Integrazzjoni sħiħa tal-kapaċità eżistenti mir-riżerva tal-Unjoni permezz tal-integrazzjoni tal-infrastruttura terrestri ta' GOVSATCOM

Indikatur 4: Għadd annwali ta' qtugħ kbir tan-networks tat-telekomunikazzjoni fl-Istati Membri mmitigat mis-sistema ta' konnettività sigura

Indikatur 5: Sodisfazzjon tal-utent bil-prestazzjoni tas-sistema ta' konnettività sigura

Objettiv speċifiku 2: Jikkontribwixxi għar-reżiljenza ċibernetika permezz ta' difiża proattiva u reattiva kontra t-theddid ċibernetiku u elettromanjetiku u ċ-ċibersigurtà

operazzjonali, u jintegra s-segment spazjali u s-segment terrestri relatat tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika biex jippermetti trażmissjoni sigura ta' kjavi kriptografiċi.

Indikatur 1: Is-sistema tikseb akkreditazzjoni tas-sigurtà li tippermetti lis-servizzi jittrażmettu Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) sa ċertu livell ta' klassifikazzjoni u l-informazzjoni klassifikata nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ta' livell ta' klassifikazzjoni ekwivalenti, skont il-prinċipji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2013/488/UE) dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni tal-IKUE

Indikatur 2: Integrazzjoni tal-infrastruttura spazjali tal-EuroQCI bbażata fuq l-aktar soluzzjoni teknika xierqa

Objettiv speċifiku 3: Itejjeb u jespandi l-kapaċitajiet u s-servizzi ta' komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.

Indikatur 1: Għadd ta' tagħbijiet utli li jaqdu komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-Unjoni

Objettiv speċifiku 4: Jinċentiva l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela, b'mod partikolari billi jingrana l-industrija ta' Spazju Ġdid.

Indikatur 1: Għadd ta' negozji ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-infrastruttura

Objettiv speċifiku 5: Jippermetti l-iżvilupp ulterjuri ta' broadband b'veloċità għolja u konnettività mingħajr xkiel madwar l-Unjoni, filwaqt li jneħħi ż-żoni mingħajr konnessjoni u jżid il-koeżjoni fit-territorji tal-Istati Membri, u jippermetti konnettività fuq żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku barra mill-Unjoni.

Indikatur 1: Veloċità tal-broadband satellitari kummerċjali

Indikatur 2: Għadd ta' utenti potenzjali ġodda ta' komunikazzjoni kummerċjali bis-satellita fiż-żoni rurali tal-UE u fiż-żoni ġeografiċi ta' interess strateġiku

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-kompiti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm se jirrikjedu:

- il-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni jew kuntratt imħallat mal-industrija, magħżul f'konformità mal-proċess ta' akkwist fit-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju;

- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema;

- l-isfruttament tas-servizzi mal-gvernijiet tal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE li jkunu jistgħu jaċċessaw is-sett inizjali ta' servizzi governattivi fl-2025, b'kapaċità sħiħa fl-2027

- l-integrazzjoni maċ-Ċentri ta' GOVSATCOM fl-2025;

- akkreditazzjoni tas-sigurtà tas-sistema fl-2027 li tippermetti lis-servizzi jittrażmettu Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) sa ċertu livell ta' klassifikazzjoni u l-

informazzjoni klassifikata nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ta' livell ta' klassifikazzjoni ekwivalenti, skont il-prinċipji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2013/488/UE) dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni tal-IKUE;

- Il-persunal meħtieġ fil-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi ġestit il-programm u tiġi mmonitorjata b'mod effettiv il-ħidma tal-aġenziji differenti, b'mod partikolari l-Aġenzija

- Il-persunal u l-baġit meħtieġa għall-Aġenzija sabiex timplimenta kif xieraq l-azzjonijiet differenti li l-Aġenzija se tkun responsabbli għalihom fir-rigward tal-programm.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-Programm se jiżgura aċċess garantit għall-komunikazzjonijiet siguri bis-satellita. Għalhekk, b'mod indirett, se jagħti kontribut għall-interessi tas-sigurtà tal-UE. Fl-Istati Membri, huwa se jagħti appoġġ pereżempju lill-forzi tal-protezzjoni ċivili u lill-pulizija nazzjonali, lill-korpi b'funzjonijiet ta' sigurtà pubblika, lill-gwardja tal-fruntieri, kif ukoll lill-komunitajiet marittimi. Fil-livell tal-UE, se jiffaċilita l-ħidma tal-aġenziji tal-UE bħal FRONTEX u l-EMSA, u se jtejjeb l-effettività tal-interventi umanitarji u tal-protezzjoni ċivili fl-UE u globalment.

L-istabbiliment ta' governanza fil-livell tal-UE li tista' tingrana servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita siguri u avvanzati għall-atturi kollha tas-sigurtà nazzjonali u tal-UE jikkontribwixxi għal rispons tal-UE aktar effettiv u awtonomu għar-riskji u t-theddid, li jvarjaw minn attakki ċibernetiċi u theddid ibridu, u diżastri naturali għall-evoluzzjoni ta' każijiet siguri ta' użu tal-komunikazzjoni governattiva bis-satellita u ż-żieda fil-ħtiġijiet globali.

Ma hemm l-ebda każ ta' negozju vijabbli biex is-settur spazjali privat tal-UE jiżviluppa s-sistema mingħajr impenn governattiv. L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp se jikkontribwixxi għall-kompetittività industrijali tal-UE.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġħoddi*

Tagħlimiet meħuda mill-ġestjoni tal-inizjattivi u l-programmi spazjali tal-Unjoni:

i) Sħubija Pubblika Privata (PPP)

Mudell ta' implimentazzjoni tal-PPP ġie kkontemplat fil-bidu tal-programm Galileo.

ii) Governanza

L-istruttura tal-governanza għal inizjattivi spazjali oħra tal-Unjoni żvelat li l-EUSPA hija l-aktar adatta għall-kompiti relatati mal-implimentazzjoni ta' tali inizjattivi filwaqt li l-ESA titqiegħed biex tappoġġa l-fażijiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni.

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Programm jikkondividi objettivi simili ma' programmi oħra tal-Unjoni, bħal Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, stabbilita

bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u, b'mod partikolari, il-Programm Spazjali tal-Unjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Minħabba l-implikazzjonijiet tiegħu fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Programm jikkondividi wkoll objettivi u prinċipji mal-Fond Ewropew għad-Difiża, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew.

Minħabba l-kopertura globali tiegħu, il-Programm jikkondividi wkoll l-objettivi u l-prinċipji mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Il-finanzjament tal-inizjattiva mill-baġit tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-kontribuzzjoni tal-fondi mill-programmi eżistenti tal-Unjoni li ġejjin li jikkondividu objettivi simili ma' din l-inizjattiva:

- il-Programm Spazjali tal-Unjoni
- il-Programm Ewropa Diġitali
- il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
- il-Fond Ewropew għad-Difiża

Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Riżervi għal sfidi u prijoritajiet emerġenti

Parti mill-finanzjament huwa garantit ukoll permezz tal-fondi disponibbli fil-marġni tal-Intestaturi 1 u 5 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

Il-Programm huwa kkomplementat ukoll mill-finanzjament implimentat taħt il-Programm Orizzont Ewropa, il-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ durata limitata

- ☒ b'effett mill-01/01/2023 sal-31/12/2027
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2023 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2023 sal-2030 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁵⁰

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☒ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☒ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-atturi differenti fil-governanza se jkollhom ir-responsabbiltajiet li ġejjin:

(i) Il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali.

⁵⁰

Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

(ii) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (li tinsab fi Praga) se tkun responsabbli għal

- l-operat tal-infrastruttura governattiva tal-Programm;
- is-sigurtà operazzjonali tal-infrastruttura governattiva, inklużi l-analiżi tar-riskju u tat-tneħħid, il-monitoraġġ tas-sigurtà;
- il-forniment ta' servizzi governattivi;
- il-ġestjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni jew tal-kuntratt imħallat
- il-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utenti tas-servizzi governattivi f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, mas-SEAE u ma' entitajiet oħra;
- it-tweġiq ta' attivitajiet relatati mal-użu mill-utenti tas-servizzi offruti mill-Programm

(iii) Soġġett għal adattamenti għall-proċess intern tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha li jippermetti l-protezzjoni tal-interessi tal-UE, l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) tiġi fdata bi:

- l-attivitajiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni fil-qafas tal-kuntratti ta' implimentazzjoni;
- l-għoti ta' għarfien espert tekniku lill-Kummissjoni, inkluż għat-tnejn tal-aspetti tekniċi tal-programm;
- l-evalwazzjoni tal-kuntratti ta' implimentazzjoni.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ tal-inizjattiva jenħtieġ li jkopri l-aspetti li ġejjin:

- **Implimentazzjoni:** L-implimentazzjoni tal-infrastruttura skont l-arranġamenti kuntrattwali. Se jiġu stabbiliti objettivi operazzjonali għal kull fażi tal-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-PPP, b'Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni assoċjati (KPIs) li jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll fl-arranġamenti kuntrattwali. Il-KPIs se jiġu definiti abbażi tar-rekwiżiti operazzjonali u tas-sigurtà, u se jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni. L-atti ta' implimentazzjoni se jiddefinixxu aktar ir-rekwiżiti għall-portafoll tas-servizzi, il-forniment ta' servizzi governattivi, ir-rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà u l-programm ta' ħidma.

- **Applikazzjoni:** Il-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti taħt l-inizjattiva u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti tal-inizjattiva. Imkejla b'mod konkret permezz tal-indikaturi ta' hawn taħt:

- Kopertura globali
- Disponibbiltà tas-servizzi
- Latenza
- Għadd ta' utenti
- Volum tad-data użata (jiġifieri s-sistema tintuża u l-kapaċità hija ta' daqs xieraq)

L-indikaturi se jitkejlu kull sena.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-Kummissjoni jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali.

L-ESA u l-EUSPA jiġu fdati mill-Kummissjoni biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tajba f'termini ta' attivitajiet ta' żvilupp u ta' validazzjoni, u attivitajiet ta' sfruttament rispettivament. Barra minn hekk, l-EUSPA twettaq l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura governattiva u tas-servizzi governattivi f'konformità mal-Kapitolu II tat-Titolu V tar-Regolament (UE) 2021/696.

Jenħtieġ li l-modalitajiet ta' pagament jibqgħu simili għall-modalitajiet li kien hemm fil-QFP preċedenti: it-tbassir tal-pagamenti jitħejja mill-aġenziji, jiġi kkontrollat mill-Kummissjoni (b'mod partikolari fir-rigward tal-pakkett delegat totali) u l-pagament isir fuq bażi regolari sabiex l-entitajiet fdati jkunu jistgħu jimmaniġġaw l-akkwist b'mod effettiv u jevitaw kwalunkwe problema għat-teżor. Il-Kummissjoni jibqa' jkollha l-awtorità f'idejha meta tapprova pagament, b'mod partikolari jkollha d-dritt ġuridiku li tnaqqsu jekk id-domanda u t-tbassir assoċjat jitqiesu li jkunu eċċessivi.

L-istrateġija ta' kontroll li se tiġi definita fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni tissegjes fuq l-esperjenza miksuba fil-QFP preċedenti, b'mod partikolari fil-proċess ta' rapportar ta' kull tliet xhur (li jinkludi r-rapportar programmatiku, finanzjarju u dwar il-ġestjoni tar-riskji) u s-saffi differenti ta' bordijiet (pereżempju l-bord tal-akkwist) u ta' laqgħat. L-istrateġija ta' kontroll tal-futur se tiddependi fuq id-definizzjoni tar-riskji kollha li l-programm jista' jiffaċċja u se tqis l-importanza relattiva u l-impatt potenzjali fuq il-programm. Din l-organizzazzjoni tal-kontroll kienet effettiva għall-azzjonijiet prinċipali ta' Galileo, EGNOS u Copernicus, kif iddikjarat fl-evalwazzjonijiet rispettivi ta' nofs it-terminu.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Riskji identifikati:

Riskju Teknoloġiku: l-użu ta' teknoloġija avvanzata li għad trid tiġi vvalidata u li l-ispeċifikazzjonijiet tagħha qed jevolvu b'mod kostanti.

Riskju Industrijali: l-istabbiliment u l-aġġornament tal-infrastrutturi jistgħu jinvolvu lil ħafna atturi industrijali, f'għadd ta' pajjiżi, li xogħolhom irid jiġi kkoordinat b'mod effettiv sabiex dan jirriżulta f'sistemi li jkunu affidabbli u integrati bis-sħiħ, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà.

Riskju ta' Dewmien: kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni jipperikola t-tieqa ta' opportunità u x'aktarx jiġġenera kostijiet li jaqbżu l-baġit.

Riskju għall-governanza: il-governanza tal-Programm tirrikjedi li diversi korpi jaħdmu flimkien, u jrid jiġi ggarantit livell xieraq ta' stabbiltà u ta' organizzazzjoni. Barra minn hekk, iridu jitqiesu d-differenzi fl-opinjonijiet tad-diversi partijiet involuti, u b'mod partikolari minn Stat Membru għall-ieħor, fir-rigward ta' bosta problemi kbar. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kondiviżjoni ta' xi riskji, inklużi r-riskji finanzjarji u għas-sigurtà, fost dawk l-atturi li jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jindirizzawhom.

Riskju finanzjarju: ir-riskju finanzjarju huwa marbut mal-finanzjament insuffiċjenti mill-Istati Membri u mis-settur privat. Dan ir-riskju se jkun magħruf matul il-proċess ta' akkwist, qabel ma ssir inferenza għal kwalunkwe nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Programm.

Kontroll intern:

Is-sistema ġenerali ta' kontroll intern tad-DĠ DEFIS tibbaża fuq ir-rapporti differenti pprovduti kull tliet xhur mill-entitajiet fdati. Dawn ir-rapporti jiġu segwiti b'rieżamijiet iddedikati sabiex jiżguraw li l-ippjanar jiġi rrispettat, u biex tiġi solvuta kwalunkwe diffikultà teknika, dawn ir-rieżamijiet jinkludu segwitu tar-riskji assoċjati mal-implimentazzjoni tal-programm. Barra minn hekk, id-DĠ DEFIS iwettaq awditi *ex post* biex jiżgura l-ġestjoni finanzjarja tajba mill-entitajiet fdati.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-baġit prinċipali tal-Programm huwa ġestit mill-Aġenzija u mill-ESA permezz ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni. Abbażi tad-*data* tal-imġhoddi, huwa stmat li l-kostijiet tal-kontroll ġenerali tal-entitajiet kollha fdati mill-Kummissjoni huma inqas minn 1 %

tal-fondi relatati ġestiti. Il-kost tal-korpi ta' implimentazzjoni jkun stmat, abbażi tal-perjodu preċedenti, bejn 5 % u 10 %.

Il-livelli mistennija ta' riskju ta' errur, kemm mal-pagament kif ukoll fl-għeluq, huma limitati, meta jitqies il-mekkaniżmu tal-akkwist: il-Kummissjoni tiddelega l-implimentazzjoni tal-akkwisti jew lill-Aġenzija jew lill-ESA, f'qafas finanzjarju pluriennali u dawn l-aġenziji jirrapportaw kull tliet xhur dwar l-akkwisti reali u mbassra, fil-limiti tal-ammonti ddelegati.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-ftěhimiet ta' kontribuzzjoni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament li se jiġu konklużi ma' partijiet terzi x'aktarx li għandhom jipprevedu s-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha, flimkien mal-awditi mill-Qorti tal-Awdituri jew mill-OLAF, skont id-diskrezzjoni tal-UE, jekk ikun meħtieġ, anki fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti (ara t-tabella taħt it-taqsim 3.2)

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ⁵¹ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁵²	mill-pajjiżi kandidati ⁵³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1	04.0301	Diff	LE	LE	LE	LE
5	13.05	Diff	LE	LE	LE	LE
6	14.07	Diff	LE	LE	LE	LE

⁵¹ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁵² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁵³ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Sorsi ta' finanzjament għal Konnettività Sigura tal-Unjoni

3.2.1. Allokazzjoni taħt programmi eżistenti

Programm Spazjali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
04.0101.03 Appoġġ għall-programm spazjali	0,900	0,550	0,300	0,300	0,300	0,300	0,450	3,100
04.0201 Galileo/Egnos	1,325							1,325
04.0203 Govsatcom/SSA	18,448	24,641	39,472	41,826	40,435	26,708	26,132	217,662
Total Spazju	20,673	25,191	39,772	42,126	40,735	27,008	26,582	222,087

Orizzont Ewropa - Raggruppament "Industrija. Diġitali u Spazju"			86,000	86,000	86,000	86,000	86,000	430,000
---	--	--	--------	--------	--------	--------	--------	---------

NDICI — Ewropa Globali"					50,000	50,000	50,000	150,000
-------------------------	--	--	--	--	--------	--------	--------	---------

Allokazzjoni totali	20,673	25,191	125,772	128,126	176,735	163,008	162,582	802,087
---------------------	--------	--------	---------	---------	---------	---------	---------	---------

3.2.2. Sors ta' finanzjament tal-appropriazzjonijiet taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

Kontribut mill-Programm Spazjali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
----------------------------------	------	------	------	------	------	------	------	-------

Appoġġ Galileo/EGNOS			0,250	0,200	0,200	0,200	0,050	0,900
Galileo/EGNOS					80,000	80,000	97,013	257,013
Total Galileo/EGNOS			0,250	0,200	80,200	80,200	97,063	257,913

Kontribuzzjoni mill- FNE	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Linja Diġitali				50,000	50,000	50,000	50,000	200,000

Kontribuzzjoni mid- DEP	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
DEP ⁵⁴			88,000	88,000	88,000	88,000	88,000	440,000

Kontribuzzjoni mill- Fond Ewropew għad- Difiża	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Żvilupp tal-kapaċità				51,000	61,000	71,000	85,000	268,000
Riċerka għad-difiża				25,000	30,000	35,000	42,000	132,000
Total tal-EDF				76,000	91,000	106,000	127,000	400,000

⁵⁴

Mistenni l-aktar miċ-ċibersigurtà

Kontribuzzjoni mill-NDICI — Ewropa Globali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Riżervi għal sfidi u prijoritajiet emerġenti					50,000	50,000	50,000	150,000

Użu tal-marġnijiet	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Intestatura 1			20,000	10,000	10,000	5,000	5,000	50,000
Intestatura 5			30,000	20,000	20,000	15,000	15,000	100,000
Total Marġnijiet			50,000	30,000	30,000	20,000	20,000	150,000

SOMMARJU TAL-KONTRIBUZZJONI MINN PROGRAMMI U MARGNIJET

Kontribuzzjoni minn programmi u marġnijiet	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Spazju			0,250	0,200	80,200	80,200	97,063	257,913
FNE				50,000	50,000	50,000	50,000	200,000
DEP			88,000	88,000	88,000	88,000	88,000	440,000
Marġni tal-intestatura 1			20,000	10,000	10,000	5,000	5,000	50,000
Subtotal intestatura 1			108,250	148,200	228,200	223,200	240,063	947,913
EDF				76,000	91,000	106,000	127,000	400,000
Marġni tal-			30,000	20,000	20,000	15,000	15,000	100,000

intestatura 5								
Subtotal intestatura 5			30,000	96,000	111,000	121,000	142,000	500,000
NDICI					50,000	50,000	50,000	150,000
Subtotal intestatura 6					50,000	50,000	50,000	150,000
Total Konnettività Sigura tal-Unjoni			138,250	244,200	389,200	394,200	432,063	1 597,913

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	01	Is-Suq Uniku. Innovazzjoni u Diġitali – Raggruppament 4 Spazju
--	----	--

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	<i>Wara l- 2027</i>	TOTAL

04.0301 Approprijazzjonijiet operazzjonali jiżguraw il-konnettività ⁵⁵	Impenji	(1)		0	108,000	148,000	228,000	223,200	240,013		947,013
	Pagamenti	(2)			100,000	100,000	200,000	200,000	200,000	147,013	947,013
04.0101.03 – Nefqa ta' appoġġ	Impenji = Pagamenti	(3)			0,250	0,200	0,200	0,200	0,050		0,900
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-pakkett tal-programm taħt l-intestatura 1	Impenji	= ₁ + 3			108,250	148,200	228,200	223,200	240,063		947,913
	Pagamenti	= ₂ + 3			100,250	100,200	200,200	200,200	200,050	147,013	947,913

04 0301 Kontribuzzjoni mill-baġit għal konnettività sigura għall-baġit tal-EUSPA	Impenji	(4)			-1,950	-2,850	-3,850	-5,500	-5,850		-20,000
	Pagamenti	(5)			-1,950	-2,850	-3,850	-5,500	-5,850		-20,000

⁵⁵

Il-baġit li ġej se jiġi kodelegat lid-DĠ CNECT:

- EUR 390 miljun (kontribuzzjoni mid-DEP) għat-twettiq tas-segment terrestri tal-EuroQCI.
- EUR 50 miljun (kontribuzzjoni mid-DEP) se jintużaw għall-iżvilupp tal-arkitettura sigura abbord il-konnettività Sigura ma' QKD li hija parti minnha, inklużi r-rabtiet mas-sistema ta' trażmissjoni tad-*data* spazjali.
- EUR 90 miljun (kontribuzzjoni mill-FNE) li għandhom jintnefqu fuq il-parti terrestri tal-EuroQCI
- EUR 110 miljun (kontribuzzjoni mill-FNE) biex ikopru l-akkwist tas-segment tal-infrastruttura satellitari tal-EuroQCI

					2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3 +4			106,300	145,350	224,350	217,700	234,213		927,913
	Pagamenti	=2+3 +5			98,300	97,350	196,350	194,700	194,200	147,013	927,913

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura 1	Impenji	=1+3			108,250	148,200	228,200	223,200	240,063		947,913
	Pagamenti	=2+3			100,250	100,200	200,200	200,200	200,050	147,013	947,913

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	05	Sigurtà u Difiża – Raggruppament 13 Difiża
--	----	--

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
13.0501 Appropriazzjonijiet operazzjonali Konnettività Sigura	Impenji	(1)			30,000	96,000	111,000	121,000	142,000		500,000
	Pagamenti	(2)			30,000	50,000	100,000	100,000	100,000	120,000	500,000
TOTAL tal-	Impenji	=1			30,000	96,000	111,000	121,000	142,000		500,000

approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm taħt l-intestatura 5	Pagamenti	=2			30,000	50,000	100,000	100,000	100,000	120,000	500,000
---	-----------	----	--	--	--------	--------	---------	---------	---------	---------	---------

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	06	IL-VIĊINAT U D-DINJA – Raggruppament 14 Azzjoni Esterna
--	----	---

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
14.07 Approprjazzjonijiet operazzjonali Konnettività Sigura	Impenji	(1)					50,000	50,000	50,000		150,000
	Pagamenti	(2)					40,000	40,000	40,000	30,000	150,000
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-pakkett tal-programm taħt l-intestatura 6	Impenji	=1					50,000	50,000	50,000		150,000
	Pagamenti	=2					40,000	40,000	40,000	30,000	150,000

TOTAL tal-approprijazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha. Inkluż il-baġit ta' trasferiment tal-EUSPA)	Impenji	(4)			138,000	244,000	389,000	394,000	432,013		1 597,013
	Pagamenti	(5)			130,000	150,000	340,000	340,000	340,000	297,013	1 597,013

TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji = Pagamenti	(6)			0,250	0,200	0,200	0,200	0,050		0,900
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6			138,250	244,200	389,200	394,200	432,063		1 597,913
	Pagamenti	=5+6			130,250	150,200	340,200	340,200	340,050	297,013	1 597,913

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsimha timtela billi tintuża d-*“data baġitarja ta' natura amministrattiva”* li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	<i>Wara l-2027</i>	TOTAL
Riżorsi umani		2,334	2,334	2,334	2,334	1,690	1,448		12,474
Nefqa amministrattiva oħra		0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343		2,058

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)			2,667	2,667	2,667	2,667	2,033	1,791		14,532
--	---	--	--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	---------------

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji		2,677	140,927	246,877	391,877	396,23341	433,854		1 612,445
	Pagamenti		2,677	132,927	152,877	342,877	342,23333	341,841	297,013	1 612,445

Għall-informazzjoni. Minbarra l-Programm Spazjali u l-programm ta' konnettività sigura tal-Unjoni, il-pakkett tal-QFP jinkludi pakkett separat għall-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija rappreżentata mil-linja baġitarja 04.1001 li inizjalment tammonta għal EUR 504 miljun. Hemm kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 20 miljun għall-finanzjament tal-persunal addizzjonali għall-EUSPA (30 post fl-2027).

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali 04.10 01 Kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija	Impenji	56,175	68,345	72,812	75,770	76,059	77,577	77,777		504,515

	Pagamenti	56,175	68,345	72,812	75,770	76,059	77,577	77,777		504,515
Kontribuzzjoni mill-baġit għal konnettività sigura għall-baġit tal-EUSPA	Impenji			1,950	2,850	3,850	5,500	5,850		20,000
	Pagamenti			1,950	2,850	3,850	5,500	5,850		20,000
TOTAL TAL-EUSPA	Impenji	56,175	68,345	74,762	78,620	79,909	83,077	83,627		524,515
	Pagamenti	56,175	68,345	74,762	78,620	79,909	83,077	83,627		524,515

Il-baġit addizzjonali għall-EUSPA huwa maqsum kif ġej:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Titolu 1 – salarji	Impenji			1,225	1,825	2,450	3,700	3,950		13,150
	Pagamenti			1,225	1,825	2,450	3,700	3,950		13,150
Titolu 2 – nefqa amministrattiva oħra	Impenji			0,450	0,750	1,000	1,400	1,400		5,000
	Pagamenti			0,450	0,750	1,000	1,400	1,400		5,000

Titolu 3 – nefqa operazzjonali	Impenji			0,275	0,275	0,400	0,400	0,500		1,850
	Pagamenti			0,275	0,275	0,400	0,400	0,500		1,850
Baġit addizzjonali TOTALI EUSPA	Impenji			1,950	2,850	3,850	5,500	5,800		20,000
	Pagamenti			1,950	2,850	3,850	5,500	5,800		20,000

Persunal tal-EUSPA meħtieġ 2021-2027 (f'għadd ta' persunal):

<u>Persunal inizjali tal-EUSPA. Skont ir-regolament dwar l-ispazju</u>	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Aġenti temporanji AD	189	229	249	249	249	249	249
Aġenti temporanji AST	2	2	2	2	2	2	2

CAs	34	34	34	34	34	34	34
SNEs	13	14	14	14	16	16	16
TOTAL	238	279	299	299	301	301	301

<u>Persunal</u> <u>Addizzjonali mitlub</u> <u>għall-EUSPA</u>	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Aġenti temporanji AD	0	0	5	8	10	15	15
Aġenti temporanji AST	0	0	0	0	0	0	0
CAs	0	0	4	5	7	10	12
SNEs	0	0	1	1	2	3	3
TOTAL	0	0	10	14	19	28	30

TOTAL tal-persunal tal-EUSPA	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Aġenti temporanji AD	189	229	254	257	259	264	264

Aġenti temporanji AST	2	2	2	2	2	2	2
CAs	34	34	38	39	41	44	46
SNEs	13	14	15	15	18	19	19
TOTAL	238	279	309	313	320	329	331

It-30 post addizzjonali għall-EUSPA huma relatati mal-operat tal-infrastruttura governattiva u mal-forniment tas-servizzi governattivi, inkluż il-ġestjoni tal-kuntratti relatati, kif ukoll l-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura u tas-servizzi governattivi, u l-koordinazzjoni ġenerali tal-aspetti relatati mal-utenti tas-servizzi governattivi.

3.2.4. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani		2,334	2,334	2,334	2,334	1,690	1,448	12,474
Nefqa amministrattiva oħra		0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	0,343	2,058
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali		2,677	2,677	2,677	2,677	2,033	1,791	14,532

Barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (li qabel kienu l-linji BA)			0,250	0,200	0,200	0,200	0,050	0,900
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali			0,250	0,200	0,200	0,200	0,050	0,900

TOTAL		2,677	2,927	2,877	2,877	2,233	1,841	15,432
--------------	--	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju) <u>għad-DĠ DEFIS</u>								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		11	11	11	11	8	7	
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED <u>għad-DĠ DEFIS</u>								
Intestatura 7								
Iffinanzjati mill-INTESTA TURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali		7	7	7	7	5	4
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		18	18	18	18	13	11	

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li

tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	11-il FTE biex jibdew l-attivitajiet. Imnaqqs għal 7 fl-2027 biex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-PPP u l-monitoraġġ operazzjonali, finanzjarju u legali tal-attivitajiet.
Persunal estern	7 FTEs biex jibdew l-attivitajiet (3 ACs u 4 SNEs). Imnaqqs għal 4 fl-2027 (1 AC u 3 SNEs) biex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-PPP u l-monitoraġġ operazzjonali tal-attivitajiet.

3.2.5. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Intestatura 1, 5 u 6. Ara d-dettalji fit-taqsima 3.2.

- ☒ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Marġni tal-Intestatura 1 u 5. Ara d-dettalji fit-taqsima 3.2

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.6. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027	Total
ESA u/jew l-Istati Membri	Għad irid jiġi kkonfermat	Għad irid jiġi kkonfermat	Għad irid jiġi kkonfermat	Għad irid jiġi kkonfermat	Għad irid jiġi kkonfermat	Għad irid jiġi kkonfermat
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati						

L-ESA u/jew l-Istati Membri se jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom għal tali attività aktar tard

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet
pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵⁶						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

⁵⁶

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.